MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta’ Jannar, 2020

Appell Inferjuri Numru 5/2020 LM

**Dr Jeremy Debono (K.I. 45376) għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Giancarlo Vecchioni (K.I. 33776A)**
*(“l-appellat”)*

***vs.***

**Dragonara Gaming Limited (C 49848)**
*(“is-soċjetà appellanta”)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Dragonara Gaming Limited (C 49848)** (minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellanta”), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-28 ta’ Jannar, 2020 (minn issa “id-deċiżjoni appellata”), li permezz tagħha t-Tribunal Industrijali (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”) iddeċieda li r-rikorrent (hawnhekk “l-appellat”)

**Giancarlo Vecchioni** kien tkeċċa inġustament mill-impjieg li kellu bħala *slot machines operations manager* ġewwa d-Dragonara Casino (minn issa 'l quddiem *"il-casino"*), u llikwida l-kumpens dovut lilu in segwitu għal din it-tkeċċija fis-somma ta' sittin elf Euro (€60,000).

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent qal li kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata għal diversi snin bħala *slot machines operations manager* taħt kuntratt indefinit ta' xogħol, kif illiċenzjat mill-Awtorità tal-Lotteriji u Logħob. Ir-rikorrent qal li matul il-perijodu tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata huwa dejjem qeda dmiru korrettement u fis-snin kollha li huwa dam impjegat mas-soċjetà intimata qatt ma ffaċċja xi forma ta' azzjoni dixxiplinarja, lanqas imqar twissija verbali. Spjega li Dragonara Casino Limited kienet il-kumpannija li kienet tiġġestixxi d-Dragonara Casino, permezz ta' konċessjoni li kellha mill-kumpannija Casma Limited, li l-ishma tagħha kienu jappartjenu lill-MIMCOL, entità tal-Gvern ta' Malta. Din il-konċessjoni ġiet fi tmiemha f'Ġunju 2009, meta nħarġet sejħa pubblika għall-offerti għat-trasferiment ta' din il-konċessjoni. Ir-rikorrent jgħid li fost l-obbligi li ġew imposti fuq l-offerenti kien hemm dak li l-impjegati kollha ta' Dragonara Casino Limited kellhom jiġu assorbiti mill-kumpannija l-ġdida skont l-istess kundizzjonijiet u bl-istess termini ta' impjieg li kienu jgawdu qabel. Kompla jgħid li permezz ta' żewġ ittri tal-20 u fil-21 ta' Mejju, 2009 mibgħuta lill-ħaddiema kollha tal-*casino*, il-MIMCOL tat garanzija lill-ħaddiema kollha ta' Dragonara Casino Limited li dawn kienu ser jiġu assorbiti mal-kumpannija l-ġdida li kienet ser tibda topera l-*casino*. Ir-rikorrent qal li

permezz ta' *memorandum of understanding* tal-15 ta' Ġunju, 2010, is-soċjetà intimata impjegat u assorbiet il-ħaddiema kollha ta' Dragonara Casino Limited b'effett mis-16 ta' Ġunju, 2010, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li dawn kienu jgawdu qabel. Ir-rikorrent qal li huwa kien irċieva ittra fit-8 ta' Ġunju, 2010 fejn ġie mgħarraf li huwa kien ġie trasferit mas-soċjetà Dragonara Gaming Limited b'effett mis-16 ta' Ġunju, 2010. Qal li bejn it-8 u s-17 ta' Ġunju, 2010 huwa ġie involut mis-soċjetà intimata fit-trasferiment tan-negozju u fl-organizzazzjoni tal-*casino* mill-kumpannija l-ġdida, u anki kellu laqgħat mad-diriġenti l-ġodda tal-kumpannija, fejn fost affarijiet oħra ddiskutew kif kien ser ikun hemm *smooth transition* tan-negozju. Qal iżda li fit-18 ta' Ġunju, 2010, huwa rċieva ittra oħra fejn ġie infurmat li wara analiżi tal-istruttura tal-impjiegi fil-kumpannija, kien ġie deċiż li l-livell maniġerjali tal-kumpannija kellu jiġi ristrutturat, u b'riżultat ta' dan ir-rwol ta' *slot machines operations manager* ma kienx aktar meħtieġ, u għalhekk l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat b'effett immedjat. Qal li ma' din l-ittra hu tħallas l-ammont ta' tlettax-il elf, seba' mija u tlieta u sittin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€13,763.59) għall-perijodu tan-*notice,* u għall-bilanċ tal-*leave* li kien għad fadallu. Qal imma li huwa ma kienx aċċetta dan il-pagament u bagħtu lura lis-soċjetà intimata, u interpellaha sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens xieraq peress li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'mod illegali. Ir-rikorrent żied jgħid li b'hekk jirriżulta li s-soċjetà intimata kienet ingaġġatu fis-16 ta' Ġunju, 2010, u tterminatlu l-impjieg jumejn biss wara. Kompla jgħid li r-raġuni mogħtija mill-kumpannija għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mhijiex ġenwina, tant hu hekk li x-xogħol li kien isir minnu fil-*casino,* illum għadu meħtieġ u qiegħed isir minn impjegat ieħor. Huwa kompla

jispjega li l-istess kumpannija tterminat l-impjieg ta' tliet ħaddiema barranin oħra, li wkoll qegħdin jikkontestaw is-sensja li ngħataw. Qal imma li ntlaħaq ftehim ma' wieħed mill-ħaddiema li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, ċertu David Grey, għaliex dan xorta waħda kien ser jirtira mill-impjieg fi żmien sena, u għalhekk dan ingħata l-ekwivalenti ta' salarju ta' sena bħala kumpens.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fejn allega li huwa safa mkeċċi mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Huwa ngħata s-sensja meta kien hemm trasferiment tan-negozju minn kumpannija għal oħra, u wara li kien ġie infurmat li kien qiegħed jiġi impjegat mal-kumpannija l-ġdida, huwa ġie mgħarraf li r-rwol tiegħu fil-kumpannija ma kienx meħtieġ aktar u konsegwentement l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat. Ir-rikorrent ġie offrut ħlas fl-ammont ta' €13,763.59 għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu kollha, kemm għaliex huwa kellu jingħata *notice* ta' tnax-il ġimgħa qabel l-impjieg tiegħu jiġi tterminat, kif ukoll bħala ħlas għall-ġranet tal-*leave* li huwa ma ħax tul l-aħħar sena tal-impjieg tiegħu. Jirriżulta imma li r-rikorrent m'aċċettax dan il-pagament, u minflok permezz ta' dawn il-proċeduri qiegħed jikkontesta t-tkeċċija tiegħu u jitlob kumpens adegwat għal din it-tkeċċija.

4. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata wieġbet li mhux minnu li l-każ in diżamina jammonta għal tkeċċija inġusta tal-impjegat Giancarlo Vecchioni, u t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet dovuta għall-fatt li saret riorganizzazzjoni, ristrutturazzjoni u rimodernizzazzjoni tal-kumpannija hekk

kif din assumiet il-ġestjoni ta' Dragonara Casino. Is-soċjetà intimata spjegat li r-rikorrent kien impjegat bħala *slot machines operations manager,* u l-inkarigu tiegħu kien jikkonsisti fl-immaniġġjar tal-magni tal-logħob, speċifikament tas-*slot machines.* Żiedet tgħid li r-rikorrent kien ilu jokkupa din il-kariga mill-2001, fi żmien meta l-*casino* inkwistjoni kien immaniġġjat mill-kumpannija Dragonara Casino Limited. Qalet li l-*casino* inkwistjoni ġie akkwistat mis-soċjetà intimata fl-2010, jiġifieri disa' snin wara l-ingaġġ ta' Giancarlo Vecchioni. Spjegat li s-*set-up* tal-*casino* fiż-żmien meta beda jaħdem fih ir-rikorrent, ma baqax adattat għaż-żminijiet tal-lum, u fl-aħħar snin kien hemm diversi żviluppi fl-immaniġġjar tal-*casinos* kemm fis-swieq lokali kif ukoll f'dawk internazzjonali, partikolarment għaliex is-sitwazzjoni llum hija tali fejn diversi persuni iżuru Malta speċifikament biex jagħmlu użu mis-servizzi tal-*casinos*. Qalet li kien essenzjali għaliha li tagħmel tibdil radikali u estensiv fl-operat tal-*casino,* u tbiddel il-magni tal-logħob hekk kif assumiet l-operat tal-*casino,* għaliex ħafna minnhom kienu qdiemu. Is-soċjetà intimata spjegat li mingħajr tali riorganizzazzjoni, hija ma kinitx ser tibqa' kompetittiva f'dan is-suq kemm lokalment kif ukoll fil-livell internazzjonali. Qalet li qabel ma ħadet il-konċessjoni tal-*casino* f'idejha, id-dħul tal-*casino* kien dejjem qiegħed jonqos, kemm peress li dan ma kienx baqa' kompetittiv kif ukoll għaliex ma kienx qiegħed isir l-immodernizzar meħtieġ. Qalet li waħda mit-temi fundamentali tar-riorganizzazzjoni kienet biex ma jibqax ikun hemm *managers* differenti għal kull tip ta' logħob, jiġifieri għal *table games* u għas-*slot machines,* iżda li jkun hemm *manager* wieħed għal-logħob kollu, u b'dan it-tibdil ġie deċiż li d-dipartiment tal-i*slot machines* u d-dipartiment tat-*table games* kellhom jiffurmaw dipartiment wieħed, jiġifieri l-*gaming department.* Qalet li għalhekk

it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet dovuta għal din ir-riorganizzazzjoni. Is-soċjetà intimata eċċepiet li minkejja li huwa minnu li hija kellha tassorbi l-impjegati kollha tal-predeċessur tagħha, jiġifieri ta' Dragonara Casino Limited, però dan kellu jsir fit-termini tal-liġi u għalhekk dan l-obbligu ma kienx jestendi għal impjiegi li ġew aboliti minħabba fl-immodernizzar li sar. B'riferiment għall-fatt li r-rikorrent esebixxa d-dokument maħruġ mill-MIMCOL, is-soċjetà intimata qalet li dak id-dokument huwa wieħed kunfidenzjali u qabel ma ġie esebit kellu jinkiseb il-permess tal-MIMCOL u tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata qalet li mhux minnu li r-rikorrent kien involut fit-trasferiment tan-negozju, u l-uniku involviment tar-rikorrent kien biss il-parteċipazzjoni tiegħu f'laqgħa li saret għall-impjegati kollha fejn ġie spjegat il-proċess tat-tranżazzjoni kif kien ser issir. Is-soċjetà intimata qalet li mhux minnu li hija ingaġġat lir-rikorrent fit-8 ta' Ġunju, 2010, u żiedet tgħid li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova f'dan is-sens. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li mhuwiex minnu li l-impjieg li kien jagħmel ir-rikorrent ingħata lil ħaddieħor, imma huwa minnu li ġew aboliti diversi pożizzjonijiet u r-rwoli ta' dawn il-persuni ġew assunti minn dipartiment wieħed u minn persuni li kienu diġà impjegati ma' Dragonara Casino Limited.

5. Quddiem it-Tribunal xehed fost l-oħrajn **Pierre Zammit**, *senior marketing and PR manager* mas-soċjetà intimata, li spjega li meta ħarġet is-sejħa għall-offerti għat-trasferiment tal-konċessjoni tal-*casino,* huwa kien jaf li l-istruttura tal-*management* tal-*casino* kienet *top-heavy,* b'diversi *managers* li kienu responsabbli għal partijiet żgħar ferm tal-operat tal-*casino*. Qal li huwa kien involut f'diversi diskussjonijiet li saru rigward ir-ristrutturar li kien hemm

bżonn isir sabiex il-kumpannija tibqa' vijabbli u kompetittiva, u kien ġie deċiż li diversi rwoli fil-*management* kellhom jiġu eliminati, u li kellu jsir investiment aktar qawwi fil-magni tal-logħob u f'teknoloġiji ġodda. Ix-xhud spjega li bir-ristrutturar li sar, parti kbira mill-operat tal-*casino* ġiet awtomatizzata. Ix-xhud kompla jgħid li huwa kien ġie fdat bil-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar ir-ristrutturar tal-kumpannija lill-ħaddiema li kienu ser jitilfu l-impjieg tagħhom, fosthom ir-rikorrent.

5. Ir-rikorrent **Giancarlo Vecchioni** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *slot machines operations manager* fil-*casino* sas-16 ta' Ġunju, 2010, meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qal li huwa ma jemminx li l-impjieg tiegħu ġie tterminat għaliex ir-rwol tiegħu ma kienx għadu neċessarju, għaliex huwa impossibbli għal *casino* li jibqa' jopera mingħajr persuna li tagħmel ix-xogħol li kien jagħmel hu. Qal li huwa kien *manager* bl-impjegati jirrispondu għalih, kif ukoll bir-responsabbilità li jassigura li d-dipartiment tiegħu jimxi b'mod effiċjenti, u li l-*casino* jibqa' kompetittiv f'kull ħin. Qal li huwa kien responsabbli mill-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-magni tal-logħob kollha, u minn magni oħra li jintużaw magħhom u minn tagħmir ieħor marbut mal-logħob. Ir-rikorrent spjega wkoll li huwa kellu r-responsabbilità li jassigura li r-riżorsi disponibbli kienu qegħdin jintużaw tajjeb, fosthom billi jieħu ħsieb ir-reklutaġġ tal-impjegati, it-taħriġ u d-*deployment* tagħhom, u li l-impjegati assenjati lid-dipartiment tiegħu jkunu motivati u li qegħdin jagħmlu xogħolhom sew. Kompla jgħid li responsabbilità oħra li kienet fdata lilu kienet il-korrispondenza kollha mar-regolatur, kif ukoll iż-żamma ta' relazzjonijiet tajba mal-uffiċjali tal-awtorità regolatorja. Qal li madwar ġimagħtejn qabel ma

l-konċessjoni għaddiet f'idejn Dragonara Gaming Limited, huwa kien intalab jattendi laqgħa fl-uffiċini tal-Fairplay ġewwa l-Hilton, u minn dak li ġie diskuss f'din il-laqgħa kien ċar għal kull min attenda li hu u ħaddiema oħra kienu qegħdin jiġu involuti fl-akkwist tal-*casino* mill-kumpannija l-ġdida, u li s-snin ta' esperjenza tagħhom kienu mill-aktar essenzjali għall-kumpannija l-ġdida. Qal li bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju, 2010 huwa kien responsabbli mill-proċess tat-tneħħija tal-magni tal-logħob il-qodma mill-*casino,* filwaqt li fis-17 ta' Ġunju, 2020 huwa rrapporta għax-xogħol b'mod normali. Qal li kien fit-18 ta' Ġunju 2010, meta huwa rrapporta għax-xogħol u ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat.

6. **Nicholas Rowland** xehed quddiem it-Tribunal li huwa *management and operations consultant* ma' Codego Consultants, kumpannija li tispeċjalizza fil-konsulenza għal kumpanniji involuti fil-qasam tal-logħob. Spjega li huwa kien involut fil-perijodu ta' tranżizzjoni tan-negozju mingħand Dragonara Casino Limited lill-operatur il-ġdid Dragonara Gaming Limited, u mill-implimentazzjoni tal-istruttura l-ġdida tal-kumpannija. Qal li l-istruttura kif operata minn Dragonara Casino Limited kienet għamlet żmienha, u kemm il-logħob kif ukoll l-istruttura tal-kumpannija ma kinux kompetittivi, u anki l-impjegati kienu demotivati għaliex kienu jafu li l-*casino* kien qiegħed jitlef il-flus u postu fis-suq minn sena għal oħra. B'riferiment għall-impjieg tar-rikorrent, dan ix-xhud spjega li,

> "*The main functions of a standard Slots Manager are mainly:*
>
> *(a) Reviewing the operation of slot machines including the physical checks of the machines in order to gather detailed information and reach a conclusion regarding the operation of the slot machines –* ***This today, is done by the***

***press of a button i.e. by implementation of software known as "Casino Link";***

(b) *Handling of technical issues relating to the gaming machines* – ***This was in view of restructuring, handled by the technical department which has its own manager.***

(c) *The slots count i.e. counting of money in slot machines* – ***This today, in view of the new system, moved to the finance department. The physical counting of the money is done by the same personnel who carry out the live game count. This was therefore merged in view of the new structure and new systems in place, into one department.***

(d) *Rostering* – ***The rostering of the slot attendants is now no longer necessary because these people moved into a larger gaming attendant department which took on the service role for f and b on the casino floor and deals with basic technical issues when they arise. The former "slot attendants" answer directly to the Assistant Gaming Manager who is on shift.***

(e) *Day to day customer service* – ***The casino has been restructured in a manner so as to incorporate a larger gaming department and therefore public relations issues are dealt with by this department. Under the old structure, there were four slot attendants. Under the current reorganised structure there are 20 people as gaming attendants and five supervisors in charge of these people and public relations work is done by the personnel in the gaming department as they go along."***

Ix-xhud kompla jgħid li l-fatt li ċerti aspetti tax-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent ġew trasferiti lil dipartimenti ġodda u akbar li nħolqu, kif ukoll il-fatt li l-kumpannija investiet f'sistemi informatiċi innovattivi sabiex ħafna mix-xogħol seta' jiġi awtomatizzat, wasslu biex ir-rwol ta' *slots operations manager* ġie abolit. Ix-xhud qal ukoll li x-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent rigward ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ħaddiema, issa qiegħed isir mid-dipartiment tar-riżorsi umani. Qal ukoll li minkejja li numru ta' *managers,* fosthom ir-rikorrent, kienu ntalbu jattendu laqgħa mal-konċessjonarji l-ġodda, ir-rikorrent u l-*managers* l-oħra ma ridux jikkoperaw, u waqt din il-laqgħa dawn ma ngħataw l-ebda

garanzija dwar l-impjieg tagħhom. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li mingħajr l-investiment li għamlet is-soċjetà intimata, li permezz tiegħu ħafna mis-sistemi tagħha ġew awtomatizzati, il-*casino* ma kienx ser jibqa' kompetittiv la fis-suq lokali u lanqas fis-suq internazzjonali.

7. **Johann Schembri**, wieħed mid-diretturi ta' Dragonara Gaming Limited, qal li huwa wieħed mill-azzjonisti ewlenin tas-soċjetà intimata, u spjega li hu kien responsabbli mit-twaqqif ta' Novomatic Peninsula Consortium li eventwalment rebaħ it-*tender* tal-konċessjoni, il-ġestjoni u l-operat tal-*casino* inkwistjoni. Ix-xhud spjega li waqt il-perijodu ta' tranżizzjoni, huwa kien preżenti għal laqgħa ma' wieħed mill-fornituri tas-sistemi tal-informatika (IGT) flimkien ma' xi impjegati ta' Dragonara Casino Limited, fosthom ir-rikorrent. Qal li dawn ma wrew l-ebda indikazzjoni li riedu jikkoperaw u ma riedu jagħtu l-ebda informazzjoni lill-operaturi l-ġodda sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni. Qal ukoll li ħadd mid-diretturi ta' Dragonara Gaming Limited ma ta xi forma ta' assigurazzjoni lir-rikorrent jew lill-*managers* l-oħra rigward l-impjieg tagħhom, partikolarment għaliex id-deċiżjoni dwar l-istruttura tal-*management* kienet għadha ma tteħditx. Qal li meta huma ġew mogħtija l-konċessjoni tal-*casino,* sabu li s-sistemi li kien hemm kienu *outdated,* u l-fatt li ma sarx aġġornament tas-sistemi u tal-magni tal-logħob, kien qiegħed jirrendi n-negozju wieħed mhux kompetittiv kemm fis-suq lokali kif ukoll fis-suq internazzjonali. Ix-xhud qal li kien hemm bżonn ħafna tibdil, manutenzjoni u investiment partikolarment fl-istruttura tal-*management.* Ix-xhud qal li filwaqt li sar dan l-investiment kollu, kien hemm il-ħtieġa li jiġu ffrankati flus għaliex l-obbligi li daħlet għalihom il-kumpannija l-ġdida kienu ferm aktar onerużi minn dawk li

kellha Dragonara Casino Limited. Qal li r-ristrutturar li sar ta r-riżultati mixtieqa għaliex in-numru ta' klijenti u l-profitti tal-*casino* bdew jiżdiedu sena wara oħra. B'riferiment għar-rwol tar-rikorrent fil-kumpannija, dan ix-xhud qal illi, "*The positions of tables operations manager, assistant tables operations manager / poker manager, slots operations manager and cash desk / slots floor manager were made redundant.*"

8. **Charmaine Zammit**, *human resources executive* ma' Dragonara Gaming Limited, qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' numru ta' persuni, fosthom tar-rikorrent, kellha ssir minħabba r-ristrutturazzjoni u r-riorganizzazzjoni li saret fil-kumpannija. Qalet li ma ddaħħlu l-ebda impjegati ġodda sabiex jirrimpjazzaw lil dawn il-persuni, u x-xogħol li kienu jagħmlu l-persuni li ngħataw is-sensja beda jsir minn dipartimenti ġodda li ġew ikkreati fil-kumpannija. Qalet ukoll li parti mix-xogħol qiegħed isir minn mezzi u programmi teknoloġiċi bis-saħħa ta' investiment li sar fl-immodernizzar tas-sistemi teknoloġiċi tal-kumpannija.

9. Waqt id-depożizzjoni tiegħu, ir-rikorrent spjega li qabel ġie jaħdem hawn Malta, huwa kien jaħdem f'*casino* ġewwa Marrakech, fejn kien hemm aktar minn mitejn magna tal-logħob. Huwa kkonferma li meta s-soċjetà intimata ngħatat il-konċessjoni tad-Dragonara Casino f'idejha, ħafna mill-magni tal-logħob kienu qodma għaliex il-konċessjonarja ta' qabel ma kinitx qiegħda tinvesti fil-magni tal-logħob. Qal li meta huwa mar għal laqgħa mar-rappreżentanti tas-soċjetà intimata, huwa kien intalab jassisti fil-proċess tal-ħruġ tal-magni tal-logħob il-qodma li kienu ser jinbidlu. Spjega li huwa qatt ma ngħata ċ-ċans jipproponi x'magni ġodda kellhom jinxtraw wara li daħlu l-

konċessjonarji l-ġodda sabiex joperaw il-*casino.* Ir-rikorrent qal li huwa kien dispost li anki jaċċetta nofs is-salarju li kien qiegħed jieħu li kieku saritlu din l-offerta mill-konċessjonarji l-ġodda, għaliex huwa xtaq jibqa' Malta. Qal li meta kien jaħdem Marrakech kellu salarju bħal dak li kien qiegħed jirċievi hawn Malta.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2020 it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk laqa' t-talba tiegħu biex jiġi iffissat kumpens, li ġie stabbilit li għandu jkun fis-somma ta' sittin elf Euro (€60,000), u dan wara li t-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Il-Fatti fil-Qosor tal-Każ in Diżamina***

*Illi r-rikorrent, Giancarlo Vecchioni kien impjegat mas-soċjetà intimata, Dragonara Casino Limited (C-49848) fl-1 ta' April 2001 bħala* full-time Slot Machines Operations Manager, *u dan skont il-kuntratt indefinit ta' xogħol datat 1 ta' April 2001 (Dok. GV01). Illi sussegwentement is-soċjetà intimata u li kienet tiġġestixxi Dragonara Casino Ltd u dan peress li kellha konċessjoni mis-soċjetà Casma Limited (C-8930), liema soċjetà kellha l-ishma tagħha jappartjenu lis-soċjetà MIMCOL u li l-imsemmija soċjetà hija proprjetà tal-Gvern Malti, temmet din il-konċessjoni f'Ġunju tas-sena 2009.*

*Illi kif hemm stipulat fit-termini tar-*Request for the Concession of the Management, Operation and Development for the business activities of the Dragonara Complex St Julians' – Malta (RFP) *(Dok. GV02), il-Ministeru tal-Finanzi flimkien mas-soċjetajiet Casma Limited u MIMCOL ħarġu talba pubblika għat-trasferiment tal-konċessjoni tad-Dragonara Casino.*

*Illi, inoltre, fost diversi obbligi li kellhom l-offerenti kien hemm l-obbligu li l-impjegati kollha tas-soċjetà Dragonara Casino Limited jiġu assunti u impjegati mas-soċjetà li*

*kienet assumiet il-ġestjoni tal-imsemmi casino u dan taħt l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li kellhom l-istess ħaddiema taħt is-soċjetà Dragonara Casino Limited u dan kif hemm stabbilit b'mod ċar fl-RFP.*

*Illi di più, kienu ntbagħtu żewġ ċirkolari mis-soċjetà MIMCOL datati 20 u 21 ta' Mejju 2009 (Dok. GV 03 u Dok. GV 04) fejn ġie ggarantit l-impjieg tal-ħaddiema kollha tas-soċjetà Dragonara Casino Limited mill-istess soċjetà MIMCOL. Dan kollu ġie kkonfermat permezz ta' Memorandum of Understanding, datat 15 ta' Ġunju 2010, fejn il-kumpannija intimata assumiet u impjegat il-ħaddiema kollha tas-soċjetà Dragonara Casino Limited u dan b'effett mis-16 ta' Ġunju 2010.*

*Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Ġunju 2010 ir-rikorrenti nomine irċieva konferma li l-impjieg tiegħu, flimkien mal-impjegati l-oħra, kien ġie ttrasferit mis-soċjetà intimata, Dragonara Gaming Limited.*

*Is-soċjetà intimata permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2010 (Dok. GV05) infurmat lir-rikorrent nomine li l-kariga tiegħu ma kinitx aktar neċessarja u għalhekk l-impjieg tiegħu ġie tterminat b'effett immedjat. Inoltre, fl-istess ittra r-rikorrent nomine rċieva l-ammont ta' €13,763.59, bħala* notice period *u kif ukoll għall-bilanċ tal-leave li hu kellu, u dan il-ħlas kien a saldu. Ir-rikorrent nomine rrifjuta u invija lura dan il-pagament u interpella lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għall-ħlas ta' kumpens xieraq (Dok. GV 06).*

*Illi fir-rikors promutur tiegħu r-rikorrent nomine jsostni li r-raġuni mogħtija ta'* redundancy *ma hijiex ġenwina u kif ukoll li xogħol ir-rikorrent nomine qiegħed isir minn persuni oħra li ġew impjegati sabiex jagħmlu l-istess xogħol tar-rikorrent nomine. Inoltre, flimkien mar-rikorrent nomine kien hemm tliet impjegati oħra li l-impjieg tagħhom ġie tterminat, ossia tliet managers barranin, Stephen Thornton (Tables Operations Manager), Andrew Smith (Cash Desk/Slots Floor Manager) u Gordon Clark (Asst. Table Games Operations / Poker Manager). Ġie rilevat ukoll li ċertu David Grey, li kien jokkupa l-kariga ta' General Manager tal-Casino kien tħallas l-ekwivalenti ta' sena salarju u dan peress li kien baqalu sena sabiex jirtira bl-età.*

*Dawn l-imsemmija impjegati ma aċċettawx din ir-raġuni ta' terminazzjoni u qegħdin jikkontestaw ukoll it-terminazzjoni tagħhom. Illi r-rikorrent nomine u kif ukoll il-persuni hawn imsemmija qegħdin jitolbu li jingħataw kumpens xieraq u adegwat għal din it-terminazzjoni mill-impjieg li qiegħda tiġi kkunsidrata bħala inġusta.*

*Illi mill-banda l-oħra s-soċjetà intimata, Dragonara Gaming Limited irribattiet billi sostniet li din it-tkeċċija kienet qiegħda ssir minħabba* redundancy *u dan peress li l-*

*istess soċjetà intimata kienet qiegħda tagħmel ri-modernizzazzjoni estensiva u dan wara li assumiet il-ġestjoni ta' Dragonara Casino.*

*Illi inoltre, peress li ż-żminijiet kienu nbidlu kien hemm il-bżonn li jsir modernizzar li jirrifletti ż-żminijiet preżenti u għalhekk is-soċjetà intimata kellha tieħu dawn id-deċiżjonijiet li tittermina l-impjiegi ta' diversi impjegati fosthom ir-rikorrent u l-impjegati l-oħra hawn imsemmija.*

*Illi dan kollu sar fid-dawl tal-fatt li saru diversi żviluppi fl-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-Casinos kemm fuq livell lokali u kemm fuq livell esteru u kien proprju għalhekk li s-soċjetà intimata li kellha timbarka fuq dan il-bdil radikali u estensiv. Is-soċjetà intimata fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha saħqet li d-dħul kien beda nieżel u għalhekk is-soċjetà intimata kellha tieħu dawn il-miżuri sabiex tibqa' kompetittiva u dan peress li s-soċjetà Dragonara Casino Limited kienet naqset milli tieħu dawn il-miżuri ta' ri-modernizzar tal-istruttura tal-Casino.*

*Is-soċjetà intimata ċaħdet bil-qawwa kollha li l-impjegati ġew ingaġġati fit-8 ta' Ġunju 2010 u li din kienet biss informazzjoni ġenerika lill-impjegati bl-akkwist tas-soċjetà intimata u li dan kollu kien soġġett għall-eċċezzjonijiet stipulati fil-liġi u li qatt ma kien jikkostitwixxi kuntratt ġdid ta' impjieg.*

*Illi dan ir-rwol tar-rikorrent nomine, is-soċjetà intimata ddikjarat li dan kien ġie abolit u dan peress li saret ri-strutturazzjoni u ri-organizzazzjoni u li l-ebda persuna ma ġiet impjegata minfloku. Illi in oltre, dawn ir-rwoli ġew assunti minn dipartiment wieħed u persuni (impjegati) li kienu ġia impjegati ta' Dragonara Casino Limited.*

*Fir-rigward tas-sena salarju li ngħata David Grey, is-soċjetà intimata sostniet li hi qatt ma kienet koinvolta f'dan l-arranġament peress li dan kien sar bejn David Grey u Dragonara Casino Limited. Inoltre, ir-rikorrent nomine Giancarlo Vecchioni għandu impjieg ieħor fiss u ma għadux jirrisjedi f'Malta.*

*...*

***Trattazzjoni Finali***

*Iż-żewġ rappreżentanti legali tal-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xogħol ippreżentaw żewġ noti ta' osservazzjonijiet, in-nota tar-rikorrenti nomine ġiet intavolata fir-Reġistru tat-Tribunal fit-13 ta' Frar 2018 u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata ġiet ippreżentata fis-27 ta' Marzu 2018.*

*Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti nomine ġie kkunsidrat li t-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti kienet kawża ta' ristrutturazzjoni fil-gradi maniġerjali. Fl-imsemmija nota tar-rikorrenti ssir referenza għax-xhieda ta'*

*Charmaine Zammit fejn din ix-xhud saħqet li din it-terminazzjoni saret peress li kienu ġew investiti ħafna flus f'teknoloġija ġdida.*

*Ċiononostante fin-nota ġie rrimarkat li din ix-xhud (Zammit) in kontro-eżami, meta ġiet mistoqsija liema kienu l-karigi li kienu ġew* phased out, *din ix-xhud irrispondiet b'mod kontradittorju, u dan peress li l-ewwel qalet li kien hemm persuna waħda (General Manager) li tieħu ħsieb is-*slots machines *u l-imwejjed tal-logħob, u sussegwentement wieġbet li kien hemm diversi Assistant Managers li kienu jieħdu ħsieb. Inoltre, ġie ukoll osservat li l-persuni li kienu jokkupaw il-kariga ta' Assistant Managers dawn kienu ingħataw żieda fil-paga u kif ukoll ċerti benefiċċji, bħal telefon ċellulari.*

*Fin-nota tar-rikorrenti nomine ssir referenza għal dak li xehed Carmelo Borg li kien impjegat mal-Casino għal 37 sena. Ir-rikorrenti jsostnu, fin-nota tagħhom, li dan ix-xhud ikkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager ma' Dragonara Casino Limited, u li kien ingħata promozzjoni għal Gaming Manager mas-soċjetà intimata, flimkien ma' żewġ impjegati oħra, Elizabeth Ruttland u Shane Mercieca, u dan wara li s-soċjetà Dragonara Gaming Limited ħadet il-konċessjoni tal-Casino.*

*Fl-imsemmija nota tissemma x-xhieda ta' Pierre Zammit li ukoll kien ingħata promozzjoni ta' Casino Director mis-soċjetà intimata. Dan ix-xhud, isostni r-rikorrenti nomine fl-imsemmija nota, li l-introjtu tal-Casino kien naqas peress li kien fetaħ Casino ieħor fis-sena 2006. Dan ix-xhud jirrileva ukoll li s-soċjetà Dragonara Casino Limited ma kinitx għamlet investimenti fit-teknoloġija u li dan il-fattur ukoll ikkontribwixxa sabiex ikun hemm nuqqas ta' dħul għall-Casino. Dan ix-xhud skont ir-rikorrenti nomine, naqas milli jikkonferma jew jirriġetta jekk l-investiment fit-teknoloġija mis-soċjetà intimata kienx affettwa lill-erba' rikorrenti b'tali mod li l-karigi tagħhom kienu ġew* redundant.

*Illi dwar persuni oħra, ix-xhud, Pierre Zammit, ma kienx f'pożizzjoni li jiddikjara jekk dawn kinux ġew promossi għall-grad ta'* manager *iżda kkonferma li hekk kienu deskritti fuq ir-*roster sheet.

*Inoltre, ġie osservat mir-rikorrenti nomine li dan ix-xhud meta ġie mistoqsi dwar l-impjiegi li kien ingħata lil diversi persuni, u dan fiż-żmien wara li kien ġie tterminat l-impjieg tal-erba' rikorrenti, fosthom Svetlana Bukova u Karen Hansford, dan ix-xhud wieġeb li dwar Karen Hansford ma kien jaf xejn u dwar Bukova li din kienet* Player Development Manager. *Fin-nota tar-rikorrent nomine ssir referenza għad-dokumentazzjoni tal-ETC, li ż-żewġ impjegati, ossia Svetlana Bukova ġiet impjegata bħala* Operations Manager *b'effett mid-9 ta' Novembru 2010, u Karen Hansford ġiet impjegata bħala* Gaming Floor Manager *b'effett mit-8 ta' Lulju 2010.*

*Illi dwar ix-xhieda ta' Johann Schembri, ir-rikorrenti nomine, fin-nota tagħhom, isostnu li dan ix-xhud kien ta biss opinjonijiet tiegħu dwar in-nuqqas ta' staff, u li beda jirreferi għall-fatturi oħra meta dan ġie mistoqsi dwarhom. Inoltre, dan ix-xhud ikkonferma in kontro-eżami li kienu ġew impjegati persuni ġodda flok l-erba' rikorrenti, iżda b'paga inqas minn tagħhom.*

*Di più, ġie osservat mir-rikorrenti nomine, li dan ix-xhud ikkonferma li xorta kien hemm bżonn xogħol ta' superviżjoni, liema xogħol kien isir mill-Managers li kienu ġew* redundant.

*Inoltre, dan ix-xhud ikkonferma wkoll li kienu ngħataw promozzjonijiet lil xi uħud mill-Assistant Managers wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-erba' rikorrenti u xi* managers *oħra. Inoltre, r-rikorrenti nomine qatt ma ġew offruti xi impjieg ieħor fi ħdan il-kumpannija, inkluż kariga fl-anqas grad.*

*Dwar dak li xehed David Grey ġie osservat mir-rikorrent nomine, illi meta kienet se tingħata l-konċessjoni lill-entità l-ġdida, ossia, is-soċjetà intimata, kien ġie assigurat mill-MIMCOL li l-impjegati kienu ser jinżammu mill-operaturi l-ġodda. Ir-rikorrenti nomine jsostni, fin-nota tiegħu, li dan ix-xhud iddikjara li l-karigi tal-erba' rikorrenti ma setgħu qatt jiġu aboliti, u dan peress li xorta kien meħtieġ li kemm il-ħaddiema u kemm in-negozju kellhom bżonn ikunu mmaniġġjati. Ir-rikorrent nomine rrimarka wkoll dwar dak li xehed David Grey, ossia dwar il-fatt li qabel il-konċessjoni il-work force kienet ġia tnaqqset. In oltre, kompla dan ix-xhud, il-persuni li kien hemm kienu nies professjonali u kompetenti f'dan il-qasam. Ir-rikorrenti nomine rrimarka wkoll li dan ix-xhud saħaq li r-raġuni il-għaliex ma kienx sar immodernizzar mis-soċjetà Dragonara Casino Limited kienet peress li l-konċessjoni kienet ser tittermina.*

*Illi fil-konsiderazzjonijet ta' dritt u apprezzament tal-fatti r-rikorrenti nomine, fin-nota tiegħu jagħmel riferenzi għal diversi punti li ġew issollevati matul is-smigħ ta' din il-kwistjoni ta' xogħol.*

*Illi l-ewwel konsiderazzjoni kienet dwar il-prokura li ngħatat Dr Jeremy Debono sabiex jirrappreżenta lir-rikorrenti f'din il-kwistjoni ta' xogħol, u li r-rikorrenti nomine jagħmel referenza għall-fatt li r-rikorrenti xehed in kontro-eżami permezz ta'* video conferencing. *Ir-rikorrenti nomine jirreferi ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma applikabbli għal din il-kwistjoni ta' xogħol u jiċċita l-artikoli 37 u 38 tal-Kap. 452 u kif ukoll il-Leġislazzjonijiet Sussidjarji 452.80 u 452.85.*

*Illi r-rikorrenti nomine fin-nota tiegħu jagħti r-raġunijiet tiegħu il-għaliex il-linja difensjonali tas-soċjetà intimata ma treġix u dan b'referenza għall-proviso ta' artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85.*

*Ir-rikorrenti nomine jisħaq li l-erba' rikorrenti ġew itterminati mill-impieg b'effett immedjat permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2010. Mill-banda l-oħra kemm Johann Schembri u kemm Nicholas Rowland, fix-xhieda tagħhom, iddikjaraw li huma kienu ltaqgħu mal-impjegati tal-Casino ftit jiem qabel it-trasferiment. Iż-żewġ xhieda kienu lmentaw li ma kinux ingħataw informazzjoni adegwata dwar l-operat tal-Casino.*

*Ir-rikorrenti nomine jagħmel referenza għal dawk l-impegati li kienu b'kariga ta' Assistant Managers mas-soċjetà Dragonara Casino Limited, u li ngħataw promozzjoni għal managers immedjatament wara t-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti mis-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti nomine jsemmi li fost dawk li kienu ngħataw il-promozzjoni kien hemm Carmelo, sive Charles Borg.*

*Ir-rikorrenti nomine ukoll jisħaq fin-nota tiegħu għall-fatt, u dan għall-kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà intimata, li kien hemm sejħa għall-ingaġġ għal* Director of Operations *u* Player Development Manager, *u li kienu ġew impjegati żewġ persuni ġodda, Svetlana Bukova u Karen Hansford, it-tnejn fi gradi maniġerjali. Ir-rikorrenti nomine jargumenta li dan hu kollu logħob bl-appellativi u titoli, kemm għall-irwoli u kemm għall-karigi bl-intendiment li jissostitwixxu lill-erba' rikorrenti.*

*Inoltre, r-rikorrenti nomine jisħaq li hu qatt ma ngħata l-opportunità mis-soċjetà intimata li juri l-kapaċitajiet tiegħu fix-xogħol tiegħu u għalhekk l-istess intimata ma tistax targumenta li r-rikorrenti nomine ma kienx kapaċi fix-xogħol tiegħu, jew xogħol ieħor fi grad ieħor.*

*Ir-rikorrenti nomine jagħmel referenza ukoll għall-fatt li kien hemm fatturi oħra u li kienu fatturi esterni u estranei ossia, il-ftuħ ta' Casino ieħor f'Malta u b'hekk żdiedet il-kompetizzjoni f'dan il-qasam, u li dan kollu kkontribwixxa sabiex ikun hemm nuqqas ta' dħul għall-istess Casino.*

*Illi fl-istess nota ta' osservazzjonijiet, ir-rikorrenti nomine, jagħmel diversi referenzi għall-każistika dwar dan is-suġġett in materja. Fin-nota hemm referenza għad-deċiżjoni tal-Kwistjoni ta' Xogħol, deċiża fl-1 ta' Lulju 2011 bejn, David D'Anastas u Thermoplastics Limited, fejn ġie kkonsidrat li sabiex ħaddiem ikun meqjus* redundant *li ma jkunx hemm xogħol u mhux ix-xogħol tiegħu jingħata lil terzi. Inoltre, issir referenza għall-kwistjoni ta' xogħol bejn Mario Psaila vs Melita p.l.c. deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju 2012. F'din is-sentenza hemm riportat li pożizzjoni meta tingħata lis-sostitut ta' dik il-persuna li jkun ġie dikjarat* redundant, *dik il-pożizzjoni lanqas hemm il-ħtieġa li tkun identika, iżda suffiċjenti li tkun simili ta' dik il-pożizzjoni.*

*Inoltre, ir-rikorrenti nomine jisħaq dwar il-*quantum *ta' kumpens li għandu jingħata minħabba din it-terminazzjoni li hu jqis li kienet inġusta u dan peress li hu, flimkien ma' familtu, kellu jemigra lejn Marrakech, il-Marokk, fejn sab impjieg fil-5 ta' Awwissu 2010. Inoltre, l-istess rikorrent nomine jissottometti li għandu €400 fix-xahar circa anqas minn dak li kellu Malta, u kif ukoll żieda konsiderevoli għall-ispejjeż tal-għajxien u kif ukoll spejjeż tal-edukazzjoni ta' uliedu, li żdiedu madwar tliet darbiet aktar milli kellu Malta.*

*Inoltre, ir-rikorrent nomine jisħaq fin-nota tiegħu li, flimkien mal-familja tiegħu, qiegħed jgħix f'pajjiż Għarbi u li dan affettwa l-kwalità u l-livell ta' għajxien tiegħu.*

*In-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata tibda billi tagħmel enfasi li d-diretturi tas-soċjetà intimata huma negozjanti fl-industrija tal-logħob kemm lokalment u kemm internazzjonalment.*

*Is-soċjetà intimata tirrimarka fuq l-istat fqir tal-Casino fl-2010 u li kien hemm telf eċċessiv u dan stante li ma kienx sar investiment fir-riżorsi u l-innovazzjoni u dan peress li kien hemm it-terminazzjoni li kienet imminenti. Illi dan kollu wassal sabiex l-operatur il-ġdid, ossia, is-soċjetà intimata kellha tagħmel investimenti kbar u dan sabiex il-Casino jerġa' jieħu l-ħajja u jkun kompetittiv.*

*Fl-imsemmija nota ssir referenza għall-erba' rikorrenti u li r-rwol tagħhom ma kienx jikkombaċċja mal-organizzazzjoni u r-ristrutturar ġdid li kien qiegħed isir fil-Casino. Inoltre, ekonomikament, u għal din ir-raġuni, kellhom l-impjieg itterminat, l-erba' rikorrenti kellhom salarji ta' circa €500,000 fis-sena u kienu ta' piż għas-soċjetà intimata. Di più, ir-rwol tal-erba' rikorrenti ġie assorbit mid-diretturi u l-azzjonisti stess, u dan peress li kellhom l-esperjenza meħtieġa fl-industrija tal-logħob.*
*Is-soċjetà intimata tibbaża l-argument tagħha dwar dak li hemm stipulat fil-proviso ta' artikolu 5 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85, u ċioe Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferimenti ta' Negozju (TUPE). L-intimata tisħaq li tkeċċija għal raġunijiet ta' natura ekonomika, teknika, jew sabiex issir organizzazzjoni hija aċċettabbli. Is-soċjetà intimata tillanja li r-rikorrenti nomine flimkien mar-rikorrenti kellu salarju stravaganti kellu circa €100,000 annwi bħala paga fis-sena 2010.*

*Fin-nota tagħha s-soċjetà intimata tissottometti li r-rikorrent Vecchioni kien lest li jaċċetta salarju ta' nofs dak li kellu meta mistoqsi in kontro-eżami u wara li kien ġia impjegat f'casino ġewwa Marrakech, il-Marokk. Is-soċjetà intimata tinsisti li dan huwa każ ta' terminazzjoni minħabba ri-organizzazzjoni kumplessa u t-terminazzjoni saret stante r-raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u organizzattivi.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà intimata, tagħmel referenza għax-xhieda ta' diversi persuni li xehdu f'din il-kwistjoni ta' xogħol li kkonfermaw li kien hemm bżonn li jsir ristrutturar fil-Casino.*

*Inoltre, ssir referenza għall-affidavit tal-erba' rikorrenti nomine u ġie sottomess li dawn huma identiċi. Is-soċjetà intimata, fin-nota tagħha, issostni li l-każ in diżamina ma għandux jiġi pparagunat ma' fabbrika tal-għamara jew xi ħanut. L-operat ta' Casino jinvolvi investimenti ta' miljuni kbar u huwa proprju dan li l-erba' rikorrenti ma fehmux. Inoltre, ġie sottomess li l-erba' rikorrenti kellhom xogħol irdoppjat u l-erba' li huma kienu jagħmlu x-xogħol ta' xulxin.*

*Di più, ġie rilevat fin-nota tal-intimata li l-erba' rikorrenti ppretendew li jiġi mogħti lilhom rwol ġdid meta fil-verità kien hemm biss tliet rwoli, ossia,* Player Development Manager, Gaming Manager, Operations Manager.

*L-intimata spjegat dawn ir-rwoli wieħed wieħed, fejn għar-rwol ta'* Player Development Manager *ġie sottomess li dan ma kienx biss limitat biss għall-imwejjed tal-logħob jew għall-*islots machines *iżda kien jeħtieġ esperjenza f'*marketing *fuq livell internazzjonali. Dan ir-rwol kien ġie kopert minn Pierre Zammit speċjalment għall-*marketing *u li sussegwentement kien irriżenja u li kif semmiet ix-xhud, Charmaine Zammit, dan ir-rwol kien ukoll jinkorpora fih dak ta' Junkit Manager. Inoltre, sussegwentement dan ir-rwol kien ġie fdat lil Svetlana Bukova. Is-soċjetà intimata ssostni li r-rikorrent nomine ma kellux l-esperjenza meħtieġa għal dan ir-rwol u dan stante li kellu biss esperjenza tal-magni tal-islots, liema sistema kienet skaduta.*

*Ġie ukoll rilevat li l-persuni li kienu ġew promossi għall-karigi ta'* managers (Gaming Manager) *kienu kollha subordinati tar-rikorrenti nomine.*
*Dwar ir-rwol ta'* Operations Manager *ġie sottomess li wara li David Grey, ossia l-General Manager ta' Dragonara Casino Limited kien spiċċa qabel daħlet is-soċjetà intimata, kien okkupa din il-kariga Johann Schembri, li kien ukoll direttur u azzjonist tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata f'dan ir-rigward targumenta li persuna li kien responsabbli għal erba' mwejjed tal-logħob ma kienx il-persuna idonea li jiġġestixxi l-casino kollu.*

*Fl-istess nota ssir referenza għal dak li kien introdott mis-soċjetà Dragonara Gaming Limited fejn sar investiment sabiex il-Casino jkun aktar modern u kompetittiv. Dan wassal sabiex ikun hemm dipartiment wieħed li nkorpora fih żewġ dipartimenti li kien hemm qabel. F'dan ir-rigward issir referenza għax-xhieda ta' Charles Borg, fejn xehed li issa kellhom x'jaqsmu mas-slots u mal-imwejjed, meta qabel kellu x'jaqsam biss mal-imwejjed tal-logħob.*

*Is-soċjetà intimata, fin-nota tagħha, tissottometti li l-Assistant Managers / Gaming Mnaagers ġew promossi għall-grad ta' managers, u dan peress li r-rwol kien baqa' l-istess għal dak ta' qabel. Id-differenza li kellhom l-imsemmija managers il-ġodda kienet ir-responsabbilità tal-i*slots machines *u għal din ir-responsabbilità kienu żdiedu sitt mitt euro (€600) fis-sena fil-paga. Is-soċjetà intimata targumenta li b'hekk kien hemm aktar effiċjenza fl-amministrazzjoni tal-casino u dan anke tenut kont tad-daqs tal-casino.*

*Fl-istess nota jiġu ribattuti l-argumenti tar-rikorrent Vecchioni, li l-istess rikorrent nomine għamel fl-affidavit tiegħu, datat 3 ta' Marzu 2011 u ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fl-10 ta' Marzu 2011. Il-kontro-argumenti tas-soċjetà intimata jirrigwardaw problemi dwar l-istaff u li taħt is-soċjetà intimata kineu ġew assorbiti mill-Human Resources u l-ilmenti kienu jiġu indirizzati lill-Managers promossi.*

*Dwar it-tmexxija tad-dipartiment li kien responsabbli għalih Vecchioni, u li hu kien jassigura li jimxi kollox sew, ġie ribattut li din kienet responsabbilità tiegħu bħala Slot Operations Manager, u f'sitwazzjonijiet akbar ta' Johann Schembri, ossia d-direttur tas-soċjetà intimata.*

*Fir-rigward tal-obbligi ta' Vecchioni dawn kienu wkoll isiru minn Andrew Smith, u li taħt is-soċjetà intimata kien sar merger taż-żewġ dipartimenti f'dipartiment wieħed, fejn id-dipartiment tal-islots ġie abolit u sar dipartiment tal-Gaming. Fin-nota tagħha s-soċjetà intimata ssostni li dan ix-xogħol beda jsir minn manager wieħed u għalhekk ix-xogħol ta' Vecchioni ma kienx hemm bżonnu aktar.*

*Is-soċjetà intimata sostniet li Vecchioni kellu biss esperjenza fuq il-magni u mhux fuq logħob differenti tal-imwejjed, u għalhekk ma kellux esperjenza neċessarja għal-logħob tal-imwejjed.*

*Is-soċjetà intimata tissottometti li fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent nomine, sostna li hu kien janalizza l-operat u s-suċċess ta' kull magna, liema xogħol kien jagħmlu ukoll Andrew Smith u li sussegwentement dan ir-rwol ġie assunt mid-diretturi u l-azzjonisti, u dan stante l-esperjenza li kellhom fl-industrija.*

*Dwar il-kwistjonijiet ta' klijenti minħabba cash li kien jidħol fil-magna u li ma tagħtix flus, is-soċjetà intimata tisħaq li r-rwol tiegħu kien ġie abolit u dan peress li s-soċjetà intimata ma toperax bil-flus kontanti (cash). Inoltre, ssir referenza għad-dokumentazzjoni li esebixxa Johann Schembri fejn jikkonfermaw li ma ġewx impjegati oħrajn għajr f'oqsma oħra fejn ir-rwoli tagħhom kienu għal kollox ġodda u li l-istess Vecchioni ma kellu l-ebda esperjenza fihom u għalhekk ma kienx jikkwalifika. Dwar il-konformità legali* (legal compliance)*, is-soċjetà intimata*

*rribattiet, li l-impjegat li kienu jkunu fis-sular tal-logħob kienu jindirizzaw dawn il-problemi meta kien ikun hemm il-viżiti mill-uffiċjali tal-Awtorità dwar il-Logħob. Inoltre, meta l-Awtorità kienet tagħmel talbiet aktar speċifiċi dawn kienu jintbagħtu bil-miktub mill-*General Manager, *David Grey. Is-soċjetà intimata f'dan ir-rigward tagħmel referenza għal dak li qal Stephen Thornton fix-xhieda tiegħu.*

*Dwar ir-rwol ta' Vecchioni, u dan skont l-affidavit ta' Johann Schembri u x-xhieda tiegħu tas-6 ta' Lulju 2012, stante li d-dipartimenti tal-imwejjed u tal-magni (slots) ġew amalgamati u saru dipartiment wieħed, ix-xogħol ġie assorbit mill-impjegati li kienu ġia impjegati mas-soċjetà preċedenti (DCL). Inoltre, barra din l-amalgamazzjoni kien hemm ukoll motivi ekonomiċi u dan peress li d-diretturi kienu esperti fil-kamp in diżamina.*

*Inoltre, ssir referenza għax-xhieda ta' Stephen Thornton fejn dan ukoll kien ippretenda li jiġi assunt bħala* slots manager *ukoll. Is-soċjetà intimata ssostni li dan jikkonferma li kien hemm diversi impjegati li kellhom l-istess rwol.*

*Fin-nota tas-soċjetà intimata jiġi rilevat x'tip ta' ristrutturar sar u dan kif spjega Johann Schembri fix-xhieda tiegħu. Schembri jsemmi li hu kellu aċċess għal-lista tal-impjegati u kif ukoll għall-paga tagħhom u li x-xogħol ta' Vecchioni kien ġie assorbit minn ħaddiema oħra.*

*Inoltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet isir paragun bejn il-paga tal-erba' rikorrenti u dawk tal-ħaddiema l-oħra fejn Johann Schembri jagħmel paragun bejn il-paga tal-General Manager li kienet madwar €200,000 fis-sena u l-paga tal-persuna li jmexxi d-Dipartiment tal-Finanzi, li kienet dik ta' €16,000 fis-sena.*

*Inoltre, ssir referenza fl-imsemmija nota, għall-mod kif it-teknoloġija li ġiet introdotta kienet iffaċilitat il-proċessi li kienu jsiru b'mod manwali. Johann Schembri jispjega li deċiżjonijiet li kienu jieħdu l-erba' managers, ossia r-rikorrent nomine, kienu bdew jittieħdu mid-diretturi tas-soċjetà intimata, u li kienu wkoll azzjonisti b'esperjenza fil-qasam tal-logħob.*

*Is-soċjetà intimata targumenta, fin-nota tagħha, li dak li għamlet għamlitu stante l-kompetizzjoni fil-qasam tal-logħob u kellha tadopera mezzi moderni sabiex tikkompeti kemm fuq livell lokali u kemm fuq livell internazzjonali.*

*Dwar l-applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regolamenti dwar it-trasferimenti ta' negozju, is-soċjetà intimata, fin-nota tagħha, issostni li d-difiża hija bbażata fuq id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2001/23EC, preċiżament fuq artikolu 4(1). Is-soċjetà intimata tisħaq li hemm żewġ elementi essenzjali li jridu jissussistu flimkien, ossia*

*dak ekonomiku, tekniku u organizzazzjoni li jivolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu (*work force).

*Fin-nota ssir referenza għall-każ Tabachnik u kif ukoll għall-każ* ***Christel Schimdt v Spar und Leikasse der fruheren Amter Bordesholm, Kiel und Cronshage,*** *liema każi jittrattaw sitwazzjonijiet simili għall-każ in diżamina. Is-soċjetà intimata a bażi ta' dawn id-deċiżjonijiet issostni li min ikun ħa l-ġestjoni ta' negozju ma jistax ikun imxekkel milli jagħmel ristrutturar u organizzazzjoni tan-negozju li jkun akkwista.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-intimata targumenta li dawn it-terminazzjonijiet saru a bażi tar-ri-organizzar li kien sar fil-Casino. Inoltre, ssir referenza għall-artikolu 4 tar-Regolament li jittratta dwar ir-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg u dan minħabba bidla sostanzjali fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu għad-detriment tal-impjegat. F'dan il-każ min iħaddem (employer) ikun meqjus li jkun responsabbli għal tali terminazzjoni. F'dan ir-rigward is-soċjetà intimata tisħaq li r-rikorrent nomine ma setax jingħata l-istess rwol tal-managers l-oħra u dan peress li kien hemm diskrepanza fil-paga, ossia ta' terz ta' dak li kien jipperċepixxi annwalment ir-rikorrent nomine.*

*Dan kollu kien jagħti lok għal diskriminazzjoni mal-Managers l-oħra li kieku s-soċjetà intimata żammet lir-rikorrent nomine bl-istess kondizzjonijiet li kellu, u dan apparti r-regola applikata fil-proċeduri ta'* redundancy, *fejn min ikun daħal l-aħħar jitkeċċa l-ewwel* (last in, first out*) issottomettiet l-intimata fin-nota tagħha.*

*Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet hemm ukoll referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea, u ċioe Każ Numru C-422/14, fl-ismijiet* ***Cristian Pujante Rivera v Gestora Clubs Dir, SL, Fondo de Garantia Salarial****, fejn ħaddiem kien meqjus* redundant *fuq deċiżjoni meħuda b'mod unilaterali minn min iħaddem (employer) kienet tinkwadra għal dak li jistipula s-sub-inċiż wieħed ta' artikolu wieħed (1)(1) tad-Direttiva (2001/23EC).*

*Is-soċjetà intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tagħmel paragun bejn l-operat preċedenti, ossia minn Dragonara Casino Limited, u dak preżenti, u ċioe l-operat tal-intimata. Is-soċjetà intimata sostniet li permezz tar-ri-strutturar li għamlet kienet bdiet tagħmel il-profitti. Inoltre, is-soċjetà intimata kellha fi ħdanha azzjonisti li kellhom esperjenza fl-industrija tal-logħob, u dan kuntrarjament għal dak li kien hemm qabel, fejn l-azzjonisti kellhom jimpjegaw persuni, b'salarji eżorbitanti sabiex jamministraw il-Casino. Di piu, il-Casino kien qiegħed jiġi ġestit b'sistema antikwata li mhux talli ma kienet qiegħda tħalli l-ebda profitt, iżda addirittura kienet qiegħda taħdem b'telf sostanzjali.*

*Fl-istess nota ssir referenza għal Dok. EG1, fejn hemm riportat li r-rwol tar-rikorrent kien baqa' ineżistenti bejn is-snin 2010 u 2017 u dan nonostante r-riżenja u terminazzjoni ta' żewġ managers li kellhom salarju ta' €28,000 annwi, terz tas-salarju tar-rikorrent nomine.*

*In-nota tas-soċjetà intimata tagħlaq bi bran mix-xhieda ta' Ivan Falzon, u li f'dak il-perijodu kien Chairman tal-kumpannija MIMCOL, fejn jagħti spjegazzjoni x'jiġri f'sitwazzjonijiet meta jkun hemm bdil fl-operat ta' azjenda kummerċjali u l-isfidi li din issib quddiemha sabiex tibqa' kompetittiva, speċjalment bir-ristrutturar li jkun hemm bżonn li jsir.*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*Illi l-kwistjoni ta' xogħol in deżamina tittratta sitwazzjoni fejn sar bdil fl-operat tal-Casino tad-Dragonara u dan wara li kien hemm sejħa għall-offerti fejn l-aħjar offerent, Dragonara Gaming Limited, ħadet il-ġestjoni tal-istess Casino.*

*Illi kif jidher ċar mill-atti proċesswali, ossia d-diversi xhieda li taw verżjonijiet totalment diametrikament differenti minn xulxin, din il-kwisjtoni ta' xogħol tippernja jekk id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti nomine kinitx ġusta jew le.*

*It-Tribunal jinnota li kollox beda meta s-soċjetà intimata ħadet it-tmexxija tal-Casino taħt l-amministrazzjoni tagħha fil-15 ta' Ġunju 2010 b'effett mis-16 ta' Ġunju 2010 l-ħaddiema kollha ġew trasferiti mas-soċjetà intimata taħt l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li kellhom.*
*Illi sussegwentement permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrenti nomine, flimkien ma' tliet managers oħra kienu nfurmati li l-impjieg tagħhom kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat u dan minħabba ristrutturar fil-livell maniġerjali.*

*It-Tribunal jinnota li s-soċjetà intimata tibbaża l-argument tat-terminazzjoni tal-erba' rikorrenti nomine fuq sitwazzjoni ta'* redundancy. *Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet l-awtur Norman Selywen jgħid is-segwenti:*

> "Potentially, 'economic, technical or organisational reasons', is a wide concept, but it is generally a restricted meaning. In **Wheeler vs Patel,** the EAT held that an economic reason entailing a change in the workforce must relate to the conduct of the business concerned, so that the transferor's attempt to obtain a higher price for sale by acceding to the demands of the transferee to dismiss the workforce does not constitute an economic reason. An earlier decision to the contrary (Anderson v Dalkeith Engineering Ltd) has been disapproved (see Gateway Hotels Ltd v Steward). But a redundancy dismissal brought about solely to obtain a contract is an ETO

reason, and is not analogous to a dismissal brought about solely to obtain a best price for the business (Whitehouse vs Charles Blatchford & Sons Ltd). If the transferee does not need the transferor's workforce, so that a redundancy situation is produced, this is within reg 7(2) (Meikle v McPhail). If, on the transfer of business, employees are dismissed for reason of redundancy without the transferor being contractually required to do so, this will be evidence of the unfairness of the dismissals (Lister v Forth Dry Dock and Engineering Co. Ltd., see paras 9.3 and 9.34). Even when there is an ETO reason which results in redundancies, the employer concerned must still act fairly in treating that reason as a sufficient reason for the dismissal (Gibson v Ciro Citterio). The standard way of dealing with redundancies must be followed, that is, fair selection procedures, search for alternatives, full consultation with the workforce and their representatives, etc.

The decision must be one made on the need to entail changes in the workforce. Generally, this could be a change in the number of employees employed, or a change in the functions of those employed. Thus if whole job contents have to be changed because of the transfer this may constitute a change in the workforce (Crawford v Swinton Insurance Brokers Ltd). If something else is sought to be changed (ex. The pay of the employees who are transferred) the resultant dismissal will be unfair (Berriman vs Delabole Slate Ltd). However, this does not prevent a mutually agreed variation for an ETO reason."

*Illi minn dan il-bran, b'analoġija, it-Tribunal jara li l-fattispeċi tal-kwistjoni odjerna tirrispekkja mhux ftit f'dak li hawn riportat fl-imsemmi bran tal-awtur ċitat. Inoltre, l-istess awtur isostni li:*

"If the employee is unfairly dismissed in connection with the transfer, his rights lie against the transferee, not the transferor. This is so even if the dismissal took place before the transfer, if the reason was connected with the transfer."

*Illi mill-provi mressqa jirriżulta li s-soċjetà intimata kienet ilha taf li hija kienet se tkun l-operatur il-ġdid tal-Casino. Inoltre, is-soċjetà Dragonara Casino Ltd kienet għamlet sena oħra sakemm l-operat tagħha għadda f'idejn is-soċjetà Dragonara Gaming Limited, u ċioe l-intimata. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà intimata kellha stampa ċara tas-sitwazzjoni xejn sabiħa tal-Casino, u ċioe kienet konxja mill-problemi li kien hemm u kif ukoll dwar l-ammont ta' pagi li kellhom l-impjegati, fosthom l-erba' rikorrenti nomine. Jirriżulta b'mod ċar li s-soċjetà intimata għamlet ir-riċerka tagħha u kif ukoll saru diversi taħdidiet matul il-kors tan-negozjati mill-partijiet kollha involuti f'dan it-trasferiment ta' negozju. Meta wieħed iqis li dan kien trasferiment ta' negozju ta' Casino.*

*Inoltre, it-Tribunal jinnota li d-diretturi tas-soċjetà intimata kollha kellhom esperjenza f'dan il-qasam tal-industrija tal-logħob u għat-Tribunal huwa diffiċli li jaċċetta l-argument tas-soċjetà intimata li dawn ma kellhomx ħjiel dwar il-pagi tal-managers, ossia l-erba' rikorrenti nomine. Di più, kif irriżulta mill-provi, l-istess soċjetà intimata kienet waslet għal ftehim ma' David Grey, il-General Manager ma' Dragonara Casino Limited dwar kumpens sabiex dan jispiċċa mill-kariga tiegħu.*

*Illi minn dan kollu t-Tribunal iqis li l-fatti speċi ta' dan il-każ jippernjaw dwar il-fatt jekk id-deċiżjoni tas-soċjetà intimata li tittermina l-impjieg tal-erba' rikorrenti nomine kinitx ġusta jew le. Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet Tribunal, meta r-raġuni tat-terminazzjoni tkun minħabba r-raġuni li hemm f'regolament 4 tad-Direttiva, u ċioe ekonomika, teknika jew organizzazzjoni ta' tibdil fl-impjegati (ETO), għandu jqis u jevalwa l-fatti tal-kwistjoni kollha ta' tkeċċija u wara li jinterpreta dik id-deċiżjoni ta' tkeċċija.*

*It-Tribunal jerġa' jagħmel referenza għall-awtur Norman Selwyn li dwar ir-rwol tat-Tribunal u l-Qrati u f'dawn iċ-ċirkostanzi jagħti din l-ispjegazzjoni:*

> "The phrase ETO is not defined in the regulations, and is therefore the subject of interpretation by the courts and tribunals."

*It-Tribunal iqis li dak li għamlet is-soċjetà intimata kien manuvrar sottili sabiex wara li tkun ħadet il-ġestjoni tal-Casino sussegwentement tkeċċi lill-erba' rikorrenti nomine bil-pretensjoni li issa dawn ġew* redundant *a bażi ta' artikolu 4 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2001/23EC u li ġiet inkorporata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85, preċiżament regolament 5(2). Dan ir-regolament jistipula s-segwenti:*

> *"(2) It-trasferiment tal-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biżżejjed għat-tkeċċija ta' impjegati minn min jittrasferixxi jew minn min jirċievi t-trasferiment:*
>
> *Iżda din id-dispożizzjoni ma timpedixxi ebda tkeċċija li tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu."*

*It-Tribunal jinnota ukoll li mix-xhieda ta' Charles Borg, jirriżulta li d-diriġenti tas-soċjetà intimata kienu taw promozzjoni lill-Assistant Managers għal Managers, iżda li dawn kienu talbuhom sabiex ma jitkellmu xejn peress li kienu qegħdin jistennew x'se jagħmlu l-erba' rikorrenti nomine. Din ix-xhieda kienet ġiet ikkorroborata minn Elizabeth Rutland.*

*Dan it-Tribunal minn dawn il-provi mressqa jikkonkludi li dak li għamlet is-soċjetà intimata kienet strateġija fina billi tinħeba wara l-proviso ta' regolament 5(2) sabiex*

*tkun tista' tiġġustifika l-aġir tagħha billi tinvoka dan il-proviso. Dan it-Tribunal mhux se jaċċetta dan it-tip ta' atteġġjament u strataġemmi minn min iħaddem speċjalment f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn hemm trasferiment ta' negozju.*

***Decide***

*It-Tribunal għal dawn ir-raġunijiet qiegħed jiddeċiedi li t-tkeċċija tar-rikorrent Giancarlo Vecchioni kienet inġusta u għalhekk it-talba għall-kumpens timmerita li tiġi akkolta minn dan it-Tribunal. In oltre, it-Tribunal jinnota ukoll li r-rikorrent Giancarlo Vecchioni kien irrifjuta li jaċċetta l-ammont ta' €13,763.59 bħala* notice period *u kif ukoll għall-bilanċ tal-*leave *li hu kellu.*

*Illi t-Tribunal ħa in konsiderazzjoni kemm kien ilu impjegat ir-rikorrent nomine, il-perijodu li l-istess rikorrent dam mingħajr impjieg, ossia xahrejn, u kif ukoll li kellu jemigra lejn il-Marokk sabiex isib impjieg ieħor, u kif ukoll a bażi ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell dwar kif it-Tribunal Industrijali għandu jasal għall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'għandu jikkonsidra sabiex jasal għal tali kumpens.*

***Kumpens***

*Illi bħala kumpens it-Tribunal qiegħed jordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas kumpens fl-ammont ta' sittin elf euro (€60,000) lir-rikorrent Giancarlo Vecchioni, liema somma għandha titħallas fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni odjerna.*

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qiegħed jistabbilixxi d-drittijiet tar-rappreżentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17 għal kull rappreżentant legali."*

## <u>L-Appell</u>

11. Is-soċjetà appellanta ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fis-7 ta' Frar, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet* ***Dr Jeremy Debono (K.I. 45376M) għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Giancarlo Vecchioni (K.I. 33776A) vs Dragonara Gaming Limited*** *billi tilqa' dan l-appell, tiċħad it-talbiet kollha ta' Dr Jeremy Debono noe u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Dragonara Gaming Limited bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu ta' Dr Jeremy Debono noe."*

12. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda inġusta u bbażata fuq raġunijiet mhux xierqa, u elenkat sitt aggravji li abbażi tagħhom tgħid li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi mħassra u rrevokata: (i) in-nuqqas ta' motivazzjoni ċara u xierqa fid-deċiżjoni; (ii) konklużjonijiet illoġiċi u irrazzjonali dwar ir-rwoli tal-impjegat imkeċċi; (iii) applikazzjoni żbaljata tal-*proviso* għall-artikolu tar-Regolamenti dwar Trasferiment ta' Negozju (ETO) inkwantu tirrigwarda 'raġunijiet ekonomiċi'; (iv) in-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-*proviso* għall-artikolu tar-Regolamenti dwar Trasferiment ta' Negozju (ETO) inkwantu tirrigwarda 'raġunijiet tekniċi'; (v) in-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-*proviso* għall-artikolu tar-Regolamenti dwar Trasferiment ta' Negozju (ETO) inkwantu tirrigwarda 'raġunijiet ta' organizzazzjoni'; (vi) deċiżjoni li tippromwovi ksur tal-artikolu 80(4) tal-Kap. 452, partikolarment il-prinċipju li għandu jkun hemm l-istess ħlas għall-istess xogħol.

13. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija kienet kisbet il-konċessjoni għall-operat tal-*casino* f'Ġunju tal-2010 wara sejħa pubblika għall-offerti li ġiet aġġudikata favur tagħha, u dan wara l-iskadenza tal-konċessjoni li kien hemm qabel favur Dragonara Casino Limited. Ġie spjegat li d-diretturi u l-azzjonisti tas-soċjetà appellanta huma kollha negozjanti involuti fl-industrija tal-logħob, u fiż-żmien meta rebħu din il-konċessjoni, l-operat tal-*casino* kien wieħed fqir immens u kien qiegħed jagħmel telf eċċessiv minħabba nuqqas ta' investiment f'makkinarju u f'riżorsi minn Dragonara Casino Limited. Spjegat li bħala l-operatur il-ġdid tal-*casino,* hija kellha tinvesti f'sistemi u f'ideat ġodda u innovattivi sabiex setgħet tkun kompetittiva. Kompliet tgħid li parti mir-

ristrutturar tal-kumpannija kien jinvolvi li erba' *managers* li bejniethom kellhom salarji li jeċċedu l-€500,000, ikollhom l-impjieg tagħhom itterminat. Qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' dawn l-erba' impjegati kienet ġustifikata u meħtieġa għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u organizzattivi wara li kien hemm trasferiment tan-negozju.

14. B'riferiment għall-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li l-konklużjonijiet tat-Tribunal f'dan il-każ huma nieqsa minn motivazzjoni ċara u loġika, u huma biss frott ta' opinjoni superfiċjali da parti tal-ġudikant, li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet biss strataġemma sottili ta' kif jitkeċċew l-impjegati. Kompliet tgħid li ma jirriżultax kif u għaliex it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li hija ssejħilha 'ġenerika', li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġustifikata u konsegwentement illikwida kumpens fl-ammont ta' €60,000. Is-soċjetà appellanta ċċitat minn deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati li jgħidu li sentenza hija mistennija li tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi ċivili tal-partijiet kif inhu xieraq, u f'dan il-każ il-motivazzjoni hija waħda superfiċjali u qasira, u ma tagħti l-ebda spjegazzjoni dwar kif u għaliex it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat illegalment, u bbażża ruħu biss fuq il-konklużjoni li t-tkeċċija tiegħu kienet forma ta' 'strataġemma sottili' biex l-appellat jitkeċċa mill-impjieg.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li żball kardinali li għamel it-Tribunal kien li naqas milli jindirizza r-rwol ta' Vecchioni bħala *cash desk/slot machines operations manager,* u l-impatt o meno li kellu r-ristrutturar intensiv li sar fil-*casino* fuq dan ir-rwol. Is-soċjetà appellanta ilmentat partikolarment għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal għamel

biss eżerċizzju ta' *cut and paste* mid-deċiżjonijiet mogħtija fir-rigward tal-impjegati l-oħra li l-impjieg tagħhom ġie tterminat u dan mingħajr ma kkunsidra li kull wieħed mill-erba' persuni li sfaw imkeċċija kellu rwol differenti x'jaqdi fil-kumpannija. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li l-applikazzjoni tal-liġi u d-deċiżjoni dwar terminazzjoni inġusta tippresupponi konsiderazzjoni tar-rwol tal-impjegat ikkonċernat, u sussegwentement konsiderazzjoni tal-impatt o meno tar-ristrutturar fuq dak ir-rwol. Kompliet tgħid li in vista tal-fatt li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tal-appellat hija kopja tat-tliet deċiżjonijiet l-oħra dwar persuni u rwoli għalkollox differenti minn dak li kien jokkupa l-appellat, din id-deċiżjoni mhix waħda li tirrispetta r-rwoli differenti tal-impjegati li ressqu l-każijiet tagħhom quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' azzjonijiet separati.

16. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar l-applikazzjoni żbaljata tal-liġi, partikolarment tad-definizzjoni li tingħata tar-'raġunijiet ekonomiċi' imsemmija fil-*proviso* tal-artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 (Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment tan-Negozju). Spjegat li r-raġuni mogħtija minnha għat-tkeċċija tal-appellat kienet purament *ai termini* tal-artikolu 4 tad-Direttiva 2001/23EC, kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel analiżi minima tal-ġurisprudenza lokali u Ewropea, u ta interpretazzjoni tal-imsemmija klawsola partikolari kif deherlu hu. Qalet li f'dan il-każ it-Tribunal mar pass oltre, u minflok għamel analiżi tal-mod kif għandu jiffunzjona *casino* fl-2011, iddeċieda li ladarba l-esponenti tas-soċjetà appellanta kienu jafu bil-pagi li kellhom għadd ta' impjegati qabel it-

trasferiment, u ladarba għadd ta' *assistant managers* ġew promossi għall-grad ta' *managers,* b'mod li t-trasferiment kien biss skuża tajba biex ċerti nies ma jingħataw l-ebda rwol fl-istruttura l-ġdida, u ladarba l-appellanta kienet laħqet ftehim ma' David Grey, dawn il-fatturi wasslu lit-Tribunal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma saritx għal raġunijiet ġustifikati. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal żbalja meta kkonkluda li s-soċjetà appellanta qatt allegat li ma kinitx taf bil-pagi li kienu jingħataw ċerti impjegati tal-*casino,* kif żbalja wkoll meta interpreta r-'raġuni ekonomika' mogħtija mis-soċjetà appellanta bħala 'paga eżorbitanti' *sic et simpliciter*. Is-soċjetà appellanta qalet li r-raġuni ekonomika li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, ma kinitx biss il-fatt li l-paga mogħtija lilu ma kinitx sostenibbli, imma anki għaliex fl-2011 inħasset il-ħtieġa li l-*casino* jsir effiċjenti, modern u kompetittiv bi struttura aktar effiċjenti u innovattiva, b'riorganizzazzjoni totali ta' dipartimenti, li fl-istruttura l-antika kienet waħda '*top-heavy',* b'għadd ta' ħaddiema barranin jingħataw pagi eżorbitanti, filwaqt li l-ħaddiema lokali kienu jingħataw pagi skont is-suq. Kompliet tgħid li x-xogħol li seta' jingħata r-rikorrent ma kienx jiġġustifika salarju ta' aktar minn €60,000 fis-sena, meta *managers* oħra kellhom biss salarju ta' ftit aktar minn €20,000. Is-soċjetà appellanta spjegat li x-xogħol tar-rikorrent ġie assorbit parzjalment mill-*gaming department*, kif ukoll minn investiment sostanzjali f'teknoloġija innovattiva li awtomatizzat parti sostanzjali mix-xogħol. L-appellanta qalet li l-fatt li t-Tribunal semma li David Grey kien ingħata kumpens biex jitlaq mill-impjieg, juri li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra r-rwoli u d-dmirijiet tal-impjegati individwali u tar-rwoli distinti li kienu jaqdu l-*managers* individwali fl-industrija tal-*casinos,* billi assuma li kull min kellu kariga maniġerjali kien

qiegħed jagħmel l-istess tip ta’ xogħol. L-appellanta spjegat li wieħed irid iqis li bosta mill-azzjonisti u d-diretturi tagħha huma esperti fil-qasam tal-logħob, u li f’każijiet simili għal dak odjern, ir-ristrutturar jibda wara li jkun hemm it-trasferiment tal-azjenda, u huwa f’dan l-istadju li jista’ jirriżulta li kien hemm ammont ta’ impjegati żejda.

17. B’riferiment għar-raba’ aggravju mressaq minnha, is-soċjetà appellanta qalet li kif ġie spjegat fix-xhieda ta’ Johann Schembri u ta’ Charles Borg, il-mudell li kienet qiegħda taħdem bih Dragonara Casino Limited kien antikwat u malandat u għalhekk ma kienx qiegħed jiffunzjona. Spjegat li hija investiet ħafna fi strutturi u f’magni ġodda, u għamlet *upgrade* radikali tas-sistemi tekniċi tal-kumpannija. L-appellanta spjegat li dan l-investiment wassal biex ċerti rwoli ta’ diversi impjegati ma baqgħux aktar meħtieġa, u l-immodernizzar tal-magni u s-sistemi innovattivi tal-informatika wasslu biex dawn ir-rwoli ġew assorbiti mis-sistemi u l-programmi li sar investiment fihom. L-appellanta qalet li fil-każ tal-appellat, parti mix-xogħol li dan kien jagħmel kien li jindirizza problemi u ilmenti dwar *cash* fis-*slot machines,* liema rwol ġie abolit kompletament bl-introduzzjoni ta’ *slot machines* ġodda, li ma baqgħux jaħdmu bi flus kontanti. Żiedet tgħid li x-xogħol ta’ ġbir tal-istatistika li kien jagħmel l-appellat ġie rimpjazzat b’teknoloġija innovattiva. Qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-investiment li sar f’magni u sistemi, it-tibdil teknoloġiku li sar u l-impatt li dan seta’ kellu fuq ix-xogħol ta’ ċerti impjegati.

18. B’riferiment għall-ħames aggravju, l-appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jqis ir-‘raġunijiet organizzattivi’ ikkontemplati fil-*proviso* tal-artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 u fid-deċiżjoni tiegħu kkonsidra biss is-

salarju li kien jieħu l-appellat u l-persuni l-oħra li sfaw imkeċċija. Żiedet tgħid li t-Tribunal naqas milli jipprova jifhem l-operat tal-*casino* u fl-ebda waqt ma semma r-riorganizzazzjoni radikali li saret fil-kumpannija. L-appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li l-promozzjoni tal-erba' impjegati mill-grad ta' *assistant managers* għal *managers* kienet biss kwistjoni ta' titolu u ta' amalgamazzjoni bejn żewġ dipartimenti, għaliex il-paga tal-*managers* il-ġodda kienet ferm inferjuri għall-paga tal-appellat. Qalet ukoll li t-trasferiment, li wassal għat-tkeċċija tal-appellat kien riżultat ta' riorganizzazzjoni enormi u kumplessa f'settur kumpless u regolat bħalma huwa *casino.* L-appellanta spjegat kif ir-riorganizzazzjoni li saret kienet tammonta għal amalgamazzjoni tas-*slots department* u t-*tables department* f'dipartiment wieħed, li huwa l-*gaming department*, fi qtugħ ta' raddoppjar, qtugħ ta' salarji eċċessivi u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema lokali u l-ħaddiema barranin, l-assenjazzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet mill-*managers* lid-diretturi tal-kumpannija, l-investiment li sar fl-informatika, u l-investiment li sar fil-qasam tal-*marketing.* Kompliet tgħid li x-xogħol li kien jagħmel l-appellat ġie assorbit minn għadd ta' ħaddiema li kien hemm fil-kumpannija, kif ukoll minn *software* u sistemi teknoloġiċi li ġew introdotti, u sal-2017 is-soċjetà appellanta ma impjegat l-ebda *manager* ġdid. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa importanti li t-Tribunal jifhem l-operat partikolari ta' min iħaddem f'kull każ li jkollu quddiemu għaliex huwa b'dan il-mod biss li tista' ssir ġustizzja. Qalet li l-Kap. 452 stess jipprovdi li t-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jinnomina assessuri sabiex jassistuh f'każijiet fejn huwa meħtieġ tagħrif speċjali fuq xi kwistjoni. L-appellanta qalet li l-fatt li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jieħu

konsiderazzjoni tal-mod kif għandu jiġi operat *casino* fl-2011, ma setax iwassal għal deċiżjoni li tkun ġusta u kompluta.

19. B'riferiment għas-sitt aggravju, l-appellanta qalet li *ai termini* tal-artikolu 80(4) tal-Kap. 452, it-Tribunal m'għandux jagħti deċiżjoni li tkun kontra xi liġi, jew xi att ieħor li jkollu forza ta' liġi, li jirregola l-pagi u l-pattijiet u kondizzjonijiet oħra ta' impjieg. L-appellanta għamlet riferiment għall-fatt li t-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet inġusta għaliex l-*assistant managers* ingħataw promozzjoni għal *managers,* u għalhekk l-appellat seta' jinżamm bħala *manager,* mingħajr ma analizza x'kien ir-rwol ta' *manager* u x'kien mistenni mill-appellat. L-appellanta qalet li mix-xhieda ta' Charles Borg kellu jirriżulta li hu u *gaming manager* ieħor ingħataw l-istess xogħol li kienu jagħmlu qabel, u max-xogħol li kellhom qabel żdiedet ukoll ir-responsabbilità tal-*islots.* L-appellanta qalet li kieku r-rikorrent ingħata r-rwol ta' *manager* bħall-erba' *managers* l-oħra, kienet ser tinħoloq diskriminazzjoni minħabba li kien ser jinkiser il-prinċipju sakrosant ta' paga ugwali għall-istess xogħol, u kkonkludiet billi qalet li t-Tribunal, bid-deċiżjoni tiegħu, qiegħed jippromwovi d-diskriminazzjoni bejn l-impjegati.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

20. Fir-risposta tal-appell tiegħu l-appellat jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda ġusta u timmerita konferma. L-appellat qal li huwa kien ilu impjegat ma' Dragonara Casino Limited mill-1 ta' April, 2001. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ngħatat il-konċessjoni għall-operat tal-*casino* b'effett mis-

16 ta' Ġunju, 2010, u jumejn biss wara bagħtet ittra lill-appellat u lil tliet impjegati oħra fejn infurmathom li l-impjieg tagħhom kien qiegħed jiġi tterminat. L-appellat qal li mhuwiex ġustifikat l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex immotivata, għaliex fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni, it-Tribunal ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn it-tkeċċija tal-appellat ma kinitx meritata. L-appellat għamel riferiment għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li filwaqt li l-appellat ġie mgħarraf li r-rwol tiegħu fil-kumpannija ma kienx aktar meħtieġ, fl-istess ħin id-diriġenti tas-soċjetà appellanta taw għadd ta' promozzjonijiet lil impjegati li kienu fil-grad ta' *assistant managers* u laħħquhom *managers.* L-appellat qal li sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, it-Tribunal qies li d-diriġenti tas-soċjetà appellanta kienu aġixxew bi ksur tad-drittijiet ta' impjieg tal-appellat, partikolarment għax wara li tterminaw l-impjieg tiegħu għaddew biex taw promozzjoni lil numru ta' impjegati oħra li kienu fi grad inqas minn dak tal-appellat. L-appellat qal li ma kien hemm l-ebda bżonn li t-Tribunal jelabora dwar dan il-punt, għaliex il-fatti jammontaw għal ksur ċar u flagranti tad-dispożizzjonijiet tal-liġi.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat jgħid li kemm hu kif ukoll it-tliet persuni l-oħra li tkeċċew mill-impjieg li kellhom mas-soċjetà appellanta fl-istess ġurnata, lkoll kemm huma ngħataw l-istess raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħhom, u kollha kemm huma ġew rimpjazzati minn persuni oħrajn fl-organizzazzjoni. L-appellat qal li għalhekk m'hemm xejn sorprendenti jew inaspettat li d-deċiżjonijiet li ngħataw mit-Tribunal f'dawn il-kawżi konnessi, ikollhom xi similaritajiet. L-appellat qal li minn dan isegwi li l-

aggravju tas-soċjetà appellanta li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhix adegwatament motivata għaliex mhux speċifika għal kull każ individwali, huwa ilment bla bażi.

L-appellat qal li kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li tressaq provi suffiċjenti li kien hemm raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u ta' riorganizzazzjoni in segwitu għar-ristrutturar tal-*casino,* li wasslu għat-terminazzjoni. L-appellat qal li mhux talli ma sarx ir-ristrutturar li tant enfasizzat fuqu s-soċjetà appellata, talli kien hemm numru ta' impjegati tal-istess soċjetà appellanta li ngħataw promozzjoni wara li l-impjieg tal-appellat ġie tterminat. L-appellat qal li ladarba kienet is-soċjetà appellanta li allegat li hija kienet imbarkat fuq proċess ta' "ristrutturar kumpless", kien jinkombi fuqha li tipprova li sar dan it-tibdil radikali fl-operat tagħha. Kompla jgħid li l-ebda prova ma nġabet ta' dan, u l-unika ħaġa li rriżultat kienet li s-soċjetà appellanta riedet teħles mill-appellat u minn sħabu minħabba fis-salarji li dawn kellhom sakemm kienu għadhom impjegati ma' Dragonara Casino Limited. L-appellat qal li l-mod kif wara li ntlaħaq ftehim ma' David Grey, ġie promoss Pierre Zammit b'tattiċi li huwa jsejħilhom *'underhand'*, jindika li Grey kien ġie offrut somma flus sabiex is-soċjetà appellanta setgħet tagħti promozzjoni lil ħaddieħor.

22. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li l-azzjoni miġjuba quddiem it-Tribunal kienet waħda dwar allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg, u kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li tressaq provi suffiċjenti li kien hemm raġunijiet tekniċi, ekonomiċi u ta' riorganizzazzjoni sabiex dan l-impjieg seta' jiġi tterminat. L-appellat qal li minkejja li l-appellanta kienet taf x'salarji kellhom jitħallsu lil għadd ta' ħaddiema, din xorta waħda għażlet li tidħol għall-konċessjoni tal-*casino,* imma

wara tterminat l-impjieg ta' wħud minnhom. L-appellat qal li mhuwiex il-kompitu tat-Tribunal li janalizza f'aktar profondità r-raġunijiet ekonomiċi li wasslu lis-soċjetà appellanta biex tieħu d-deċiżjoni arbitrarja li tkeċċi erba' mill-impjegati tagħha, ladarba din kienet taf x'kienet il-kundizzjoni ekonomika tal-konċessjoni qabel ma din ġiet akkwistata minnha. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta kellha għad-dispożizzjoni tagħha diversi rimedji li setgħet tirrikorri għalihom, mingħajr ma tikser il-liġi li tirregola l-impjieg tal-ħaddiema tagħha, jekk dehrilha li kien hemm lok li l-*manpower* eżistenti tagħha seta' jintuża aħjar. L-appellat qal ukoll li huwa qatt ma ġie offrut l-opportunità li jibqa' impjegat tas-soċjetà appellanta fi rwol differenti jew b'salarju ridott, iżda ġie infurmat biss bit-tkeċċija tiegħu.

23. B'riferiment għar-raba' aggravju, l-appellat qal li r-raġunijiet tekniċi ċitati mis-soċjetà appellanta ma jistgħu qatt jintużaw biex jiġġustifikaw u jiskużaw it-terminazzjoni inġusta tal-impjieg ta' ħaddiem. Qal li jekk is-soċjetà appellanta kellha biżżejjed fondi biex setgħet tagħmel investiment fl-apparat u fit-teknoloġija, din kellha taċċerta ruħha li l-impjegati tagħha fi grad maniġerjali jingħataw opportunità li jaġġornaw ruħhom ma' tali teknoloġija u tibdil fl-operat tagħha, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li dawn kellhom esperjenza estensiva f'dan il-qasam.

24. Dwar il-ħames aggravju, l-appellat qal li huwa ma ngħatax l-opportunità li jintegra ruħu fis-sistema organizzattiva ġdida tas-soċjetà appellanta, u qatt ma ngħata t-taħriġ meħtieġ biex ikun jista' jaħdem fuq is-sistemi l-ġodda. L-appellat qal ukoll li huwa ma ngħatax l-opportunità li jirrevedi l-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu sabiex ikun jista' jiġi integrat f'sistema organizzattiva ġdida,

u minflok is-soċjetà appellanta ħadet id-deċiżjoni arbitrarja li titterminalu l-impjieg. L-appellat qal li l-aggravju tal-appellanta kien ikun ġustifikat li kieku din ippruvat li l-appellat irrifjuta li jaġġorna ruħu mas-sistemi ġodda fl-operat tal-*casino,* u żied jgħid li fl-ebda waqt ma ngħabet prova li l-appellat ingħata l-possibilità li jirrevedi s-sitwazzjoni tiegħu ta' impjieg. Minflok huwa ġie pprezentat *b'fait accompli* li r-rwol tiegħu fi ħdan is-soċjetà appellanta ma kienx aktar meħtieġ, meta mill-provi rriżulta li kien hemm numru ta' persuni li ġew impjegati mas-soċjetà appellanta, filwaqt li ħaddiema oħra ngħataw promozzjoni sabiex jibdew jaqdu l-istess funzjonijiet li kien jagħmel l-appellat.

25. Dwar is-sitt aggravju, l-appellat qal li dan l-aggravju jittratta punt ta' fatt u mhux ta' liġi. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ammettiet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet immotivata minn raġuni finanzjarja, u filwaqt li allegat li r-rwol tiegħu fl-organizzazzjoni l-ġdida ma kienx aktar meħtieġ, fl-istess ħin dan ir-rwol ingħata lil impjegati oħra tal-kumpannija li ġew promossi għall-grad tiegħu, kif wara kollox ammettiet is-soċjetà appellanta stess.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

26. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fit-tweġiba tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Dawn il-proċeduri huma prinċipalment dwar it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta, fejn kien ilu impjegat għal

aktar minn disa' snin, dakinhar li ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. It-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat minn mas-soċjetà appellanta seħħet jumejn wara li din bdiet topera l-*casino*, u dan minkejja li l-appellat u l-impjegati l-oħra kollha tal-*casino* kienu ġew mgħarrfa qabel seħħ it-trasferiment tal-konċessjoni tal-*casino,* li l-impjiegi tagħhom kienu ser jiġu salvagwardjati. Is-soċjetà appellanta tgħid li meta hija bdiet topera l-*casino* inkwistjoni, sabet sitwazzjoni fejn ħafna mill-magni tal-logħob u s-sistemi tal-operat kienu ilhom ma jiġu aġġornati, u għalhekk kien hemm ħtieġa ta' investiment sostanzjali f'apparat ġdid u f'aġġornament tas-sistemi operattivi sabiex il-*casino* ma jibqax jitlef il-profitti u l-klijenti f'suq, li kulma jmur kien qiegħed isir aktar kompetittiv. Is-soċjetà appellanta spjegat li meta hija daħlet għat-tmexxija tal-*casino,* sabet struttura li kienet *top-heavy* b'salarji sostanzjali mħallsa lill-*managers* tal-kumpannija, u b'diskrepanzi qawwija bejn is-salarju tal-ħaddiema Maltin u s-salarji tal-*managers* barranin. Spjegat li ċerti rwoli ma kienx għad hemm posthom fl-istruttura l-ġdida tagħha, u parti mix-xogħol li qabel kien isir manwalment ġie awtomatizzat, sabiex b'hekk uħud mill-impjiegi ġew itterminati, fosthom dak tal-appellat. L-appellanta baqgħet issostni l-pożizzjoni li ħadet mill-bidu, li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet ġustifikata u meħtieġa għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u organizzattivi wara t-trasferiment ta' negozju, u t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat saret in linea mal-artikolu 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85, li jistipula illi:

> "It-trasferiment tal-azjenda, negozju, jew parti mill-azjenda jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biżżejjed għat-tkeċċija tal-impjegat minn min jittrasferixxi jew minn min jirċievi t-trasferiment.

> Iżda din id-dispożizzjoni ma timpedixxi ebda tkeċċija li tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu."

27. It-Tribunal qabel mal-appellat li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta u għalhekk ordna li dan kellu jingħata kumpens li ġie likwidat fis-somma ta' €60,000.

*L-Ewwel Aggravju: nuqqas ta' motivazzjoni ċara u xierqa fid-deċiżjoni*

28. Is-soċjetà appellanta qiegħda tressaq appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal u fost l-aggravji mressqa minnha, tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa minn motivazzjoni ċara u xierqa, u d-deċiżjoni appellata hija waħda superfiċjali u qasira, u t-Tribunal naqas milli jagħti spjegazzjoni dwar kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Min-naħa l-oħra l-appellat jgħid li t-Tribunal ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn iqis li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx ġustifikata.

Il-Qorti qieset id-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha, u jirriżulta li t-Tribunal għamel sunt dettaljat tal-provi kollha li nġabu quddiemu, kif ukoll għamel konsiderazzjonijiet tiegħu dwar dawn il-provi sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Jirriżulta li t-Tribunal qies li s-soċjetà appellanta kienet ilha madwar sena taf li hija kienet ser tkun il-konċessjonarja l-ġdida tal-*casino,* u li din kienet mgħarrfa sew bl-obbligi li kienet ser tidħol għalihom, inkluż is-salarji tal-*management.* It-Tribunal għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-fatt li għadd ta' impjegati fil-grad ta' *assistant managers* ġew promossi għal-livell ta'

*managers,* u bdew jagħmlu x-xogħol li kien isir mill-appellat u minn impjegati oħra li l-impjieg tagħhom ukoll ġie tterminat mis-soċjetà appellanta. Dak iż-żmien dawn l-impjegati promossi kienu ntalbu li ma jiżvelaw xejn dwar l-arranġamenti li laħqu mas-soċjetà appellanta u dwar is-salarji li kienu ser jingħataw. It-Tribunal ikkonsidra li l-kunċett ta' *redundancy* għandu jfisser li ma jkunx hemm aktar xogħol għal xi ħaddiem partikolari, u mhux li x-xogħol ta' dan il-ħaddiem jingħata lil terzi, u qies li l-mod kif aġixxiet is-soċjetà appellanta kien jammonta għal manuvrar sottili li ma setax jitqies li kien ġustifikat. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel aggravju mogħti mis-soċjetà appellanta, għaliex id-deċiżjoni appellata hija mmotivata sew u tinkludi r-raġunijiet kollha li abbażi tagħhom it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Il-fatt li s-soċjetà appellanta ma taqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mit-Tribunal, m'għandux neċessarjament iwassal biex din tingħata raġun fl-aggravju li qiegħda tressaq, u assolutament mhux il-każ li wieħed isib x'jikkritika fil-mod kif it-Tribunal għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu qabel ta d-deċiżjoni tiegħu.

*It-tieni aggravju:* *konklużjonijiet illoġiċi u irrazzjonali dwar ir-rwol tal-impjegat imkeċċi*

29. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra r-rwol tal-appellat fl-organizzazzjoni tagħha. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma kkonsidra l-partikolaritajiet ta' dan il-każ, u ta deċiżjoni li hija identika għal dik li ngħatat fir-rigward tal-impjegati l-oħra li wkoll sfaw imkeċċija fl-istess ġurnata mill-impjieg li kellhom magħha.

L-appellat wieġeb li kemm hu kif ukoll l-impjegati l-oħra li bħalu tilfu l-impjieg li kellhom mas-soċjetà appellanta, ingħataw l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħhom fl-istess ġurnata, kollha ngħataw l-istess raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg, u kollha sabu ruħhom f'sitwazzjoni simili jew identika. Qal li huma kollha pproċedew b'mod separat quddiem it-Tribunal Industrijali, iżda l-mertu tal-każijiet individwali tagħhom huwa prattikament identiku.

Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ ma ġabet l-ebda prova tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali fir-rigward tal-impjegati l-oħra li wkoll tilfu l-impjieg tagħhom, bħala prova li t-Tribunal ta deċiżjoni waħda identika f'kull każ, mingħajr ma kkonsidra r-rwoli differenti ta' kull wieħed minn dawn l-impjegati fl-istruttura tal-kumpannija. Il-Qorti iżda kienet tkun ferm aktar sorpriża li kieku d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' dawn l-impjegati li tkeċċew mill-impjieg lkoll fl-istess ġurnata għall-istess raġunijiet, u li lkoll ingħataw l-istess trattament mis-soċjetà appellanta mal-ittra tat-tkeċċija tagħhom, u li kollha kemm huma inzertaw ta' nazzjonalità barranija, kienu jvarjaw waħda mill-oħra. Ladarba jirriżulta li l-mertu kien l-istess għall-individwi kollha li resqu quddiem it-Tribunal għal rimedju, m'hemm xejn straordinarju li d-deċiżjoni fir-rigward tal-imsemmija impjegati tkun simili ħafna.

Għaldaqstant tqis li dan it-tieni aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu ukoll.

*It-tielet aggravju:* *applikazzjoni żbaljata tal-proviso "għal raġunijiet ekonomiċi" fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 (artikolu 5.2)*

30. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta qal li hija kienet taf bil-pagi li kien jieħu l-*management* qabel daħlet għall-konċessjoni tal-*casino* u l-fatt li wħud mill-*assistant managers* ġew promossi għall-grad ta' *managers* b'salarji inqas minn dak li kien jngħata l-appellat u *managers* oħra fil-kumpannija, kienet biss skuża biex dawn il-persuni ma jingħataw l-ebda rwol fl-istruttura l-ġdida. Is-soċjetà appellanta spjegat li r-raġuni għalfejn l-impjieg tal-appellat, u ta' numru ta' impegati oħra, ġie tterminat, kienet li l-pagi li kienu qegħdin jitħallsu lill-*management* ma kinux sostenibbli, u l-operat ta' Dragonara Casino Limited kien wieħed *top-heavy* b'numru kbir ta' ħaddiema fil-*management* tal-kumpannija, fejn il-ħaddiema barranin kienu qegħdin jitħallsu salarji li jisbqu bil-bosta dak li kienu jitħallsu il-ħaddiema Maltin. Is-soċjetà appellanta spjegat li r-rwol tal-appellat ma kienx għad hemm post għalih fl-istruttura l-ġdida, partikolarment għaliex parti mix-xogħol li kien jagħmel l-appellat ġie awtomatizzat, u parti oħra mix-xogħol tiegħu beda jsir mid-dipartiment tal-*gaming* u mid-dipartiment tar-riżorsi umani. Qalet ukoll li kien biss wara l-eżerċizzju ta' ristrutturar li sar minnha, li hija setgħet tasal għall-konklużjoni li kien hemm ħaddiema żejda mal-kumpannija.

L-appellat qal li kien jinkombi fuq l-appellata li tipprova li hija għamlet dan l-eżerċizzju ta' ristrutturar qawwi li abbażi tiegħu kellha tiddeċiedi li tittermina xi impjiegi. Qal li s-soċjetà appellanta ma ġabet ebda prova tar-ristrutturar kumpless li saħqet li għamlet. Qal li s-soċjetà appellanta kellha rimedji oħra għad-dispożizzjoni tagħha f'każ li riedet tassigura li l-*manpower* li kellha magħha, jintuża bl-aħjar mod.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Christa Plessers *v* Prefaco NV**, fejn għamlitha ċara li,

> "*Furthermore, under Article 4(1) of Directive 2001/23, the transfer of an undertaking does not in itself constitute grounds for dismissal by the transferor to the transferee. That being said, that provision does not stand in the way of dismissals that may take place for economic, technical or organisational reasons entailing changes in the workforce.*"

Il-Qorti tifhem il-pożizzjoni tal-operatur ta' negozju, li filwaqt li jkun irid jagħmel ċerti bidliet u ristrutturar sabiex jassigura li l-operat tiegħu jibqa' sostenibbli u kompetittiv, fl-istess ħin għandu obbligi legali li jridu jiġu onorati, li l-investitur jista' jqis li jkunu qegħdin ixekkluh milli jkun effettiv fir-ristrutturar li jrid jagħmel. Jirriżulta minn ċifri ppreżentati bħala prova fil-kawża, li meta s-soċjetà appellanta ġiet aġġudikata l-konċessjoni tal-*casino*, l-attendenza fil-*casino* kienet qiegħda tonqos sena wara l-oħra, bil-konsegwenza li l-profitti bdew neżlin. Is-soċjetà appellanta tattribwixxi dan għall-fatt li fl-aħħar snin tal-konċessjoni li kellha Dragonara Casino Limited, din m'għamlitx l-investiment meħtieġ sabiex tassigura li tibqa' kompetittiva fis-suq, u meta s-soċjetà appellanta ġiet aġġudikata l-konċessjoni tal-*casino* din kellha tagħmel investiment kbir u tibdel ħafna mill-magni tal-logħob sabiex tibda tattira klijenti ġodda u tkun tista' tikkompeti fis-suq. Imma huwa minnu li s-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova tar-ristrutturar estensiv li tgħid li wettqet, u minn dak li xehdu esponenti tas-soċjetà appellanta, bħal Johann Schembri, ir-*refurbishment* li kien hemm bżonn li jsir fil-palazz li jospita l-*casino,* sar f'temp ta' ħmistax. Fil-frattemp, jumejn biss wara li s-soċjetà appellanta bdiet topera

l-*casino,* din infurmat lil numru ta' ħaddiema li l-impjieg tagħhom ma kienx għadu aktar meħtieġ. Dan qabel ma l-*casino* beda jopera b'mod ristrutturat, bil-magni ġodda tal-logħob u bix-xogħol awtomatizzat, u għalhekk sa minn qabel id-dħul fis-seħħ tas-sistema ristrutturata, u mingħajr apprezzament tal-mod kif is-sistema l-ġdida kienet ser tħaffilha x-xogħol jew tirrimpjazza r-rwol ta' għadd ta' ħaddiema, is-soċjetà appellanta kienet diġà ħadet id-deċiżjoni li tittermina għadd ta' impjiegi, bi pjan ta' kif ċertu rwoli setgħu jimtlew minn ħaddiema li diġà kienu jaħdmu fil-kumpannija u kif dawn setgħu jiġu promossi minn *assistant managers* għal *managers* sabiex ikunu jistgħu jassorbu parti mix-xogħol li kien isir mill-appellant u mill-kollegi tiegħu li tkeċċew fl-istess ġurnata. Il-Qorti tqis li t-Tribunal ma kienx żbaljat meta kkonkluda li l-eżerċizzju li sar mis-soċjetà appellanta kien parti minn strateġija sottili li permezz tagħha għadd ta' impjegati sfaw imkeċċija, partikolarment meta l-impjegati li ġew promossi għall-grad ta' *managers* intalbu ma jiżvelaw xejn dwar il-kuntratt il-ġdid li huma ngħataw mis-soċjetà appellanta.

*Ir-raba' aggravju:* *applikazzjoni żbaljata tal-proviso 'dwar raġunijiet tekniċi' fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 (5.2)*

31. Is-soċjetà appellanta qalet li meta ġiet aġġudikata l-konċessjoni tal-*casino,* kienet sabet li l-*casino* kien qed jopera b'sistema antikwata li ma kienet qiegħda tattira l-ebda investiment ġdid u l-ebda negozju ġdid lejn il-kumpannija. Qalet li hija kellha tagħmel investiment kbir f'magni tal-logħob ġodda u fi strutturi ġodda, kif ukoll kellha taġġorna s-sistemi tekniċi li sabet, kemm sabiex tkun kompetittiva kif ukoll sabiex setgħet tibqa' vijabbli. Spjegat li kien għalhekk li kienet ikkonkludiet li wħud mir-rwoli li kien hemm fil-*casino*

ma baqgħux aktar meħtieġa u kien għalhekk ukoll li ċerti impjiegi ġew itterminati.

Min-naħa tiegħu l-appellat qal li minkejja dawn l-investimenti ġodda li s-soċjetà appellanta tgħid li kellha tagħmel, lilu qatt ma saritlu offerta ta' opportunitajiet ġodda jew rwoli ġodda fil-kumpannija, u ma kienx ingħata l-opportunità li jitgħallem jew li jitħarreġ fuq is-sistemi l-ġodda.

Il-Qorti kkonsidrat is-sekwenza li biha ġraw l-affarijiet, u filwaqt li tapprezza li f'negozju kumpless u regolat bħalma huwa *casino,* id-diskussjonijiet fl-ogħla livelli dwar ir-ristrutturar li kien hemm bżonn isir kienu ilhom għaddejjin, fl-istess ħin ma jistax ikun li jumejn biss wara l-aġġudikazzjoni tal-konċessjoni, is-soċjetà appellanta diġà kienet qiegħda tara r-riżultati tar-ristrutturar li tgħid li għamlet. Id-deċiżjoni li numru ta' ħaddiema jitkeċċew mill-impjieg jirriżulta li ttieħdet fiż-żmien meta l-*casino* kien magħluq biex isir ir-*refurbishment* meħtieġ, u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li parti mix-xogħol li kien jagħmel l-appellat ġie awtomatizzat, għaliex l-istrutturi l-ġodda kienu għadhom ma bdewx jaħdmu. Jirriżulta wkoll li fiż-żmien meta l-appellat safa mkeċċi mill-impjieg, ma kienet saritlu ebda offerta sabiex jitħarreġ fuq is-sistemi l-ġodda, jew sabiex jassumi rwol differenti fl-istess kumpannija. Hawn qed nitkellmu dwar impjegat b'esperjenza vasta fis-settur tal-*casinos* li ħadem f'*casinos* anki f'pajjiżi oħra qabel beda jaħdem id-Dragonara Casino. Ma jirriżultax lanqas jew b'xi mod ġie allegat mis-soċjetà appellanta li hija offriet opportunitajiet ta' taħriġ lill-appellat u dan b'xi mod irrifjuta. Minflok, mingħajr ebda preavviż, jumejn biss wara li l-appellat kien mingħalih li beda jaħdem ma' Dragonara

Gaming Limited, huwa ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat għaliex ix-xogħol li kien jagħmel ma kienx għad hemm bżonnu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*Il-ħames aggravju:* *applikazzjoni żbaljata tal-proviso "raġunijiet ta' organizzazzjoni" fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85*

32. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni korretta tal-liġi applikabbli għal sitwazzjonijiet ta' trasferiment ta' negozju, fejn it-terminazzjoni ta' impjieg tkun meħtieġa għal raġunijiet organizzattivi. Tgħid li f'dan il-każ il-ġudikant qies biss is-salarju tal-appellat u m'għamel l-ebda evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li wasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, partikolarment tal-fatt li t-trasferiment tan-negozju wassal għal riorganizzazzjoni kbira u kumplessa f'settur daqstant kumpless u regolat.

L-appellat min-naħa tiegħu qal li huwa qatt ma ngħata l-opportunità li jintegra ruħu fis-sistema l-ġdida.

Il-Qorti għal darb'oħra tagħmel riferiment għall-provi miġjuba fil-kawża u għas-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet. Huwa impossibbli li fi żmien jumejn minn meta bdiet il-konċessjoni l-ġdida, u fi żmien meta l-istrutturi l-ġodda kienu għadhom ma bdewx jitħaddmu aħseb u ara kemm bdew jagħtu riżultat, is-soċjetà appellanta kienet f'pożizzjoni li tgħid li r-rwol tal-appellat u ta' għadd ta' impjegati oħra ma kienx hemm aktar lokhom. Jirriżulta mill-provi li l-

appellat ma ngħata l-ebda opportunità jsib postu fl-organizzazzjoni l-ġdida, anki b'salarju inqas minn dak li kellu, u għalhekk jirriżulta li d-deċiżjoni li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat, kienet deċiżjoni meħuda *a priori* waqt eżerċizzju ta' *cost-cutting* li sar qabel ma sar l-investiment u s-sistema l-ġdida bdew jagħtu r-riżultati. L-appellat fix-xhieda tiegħu stqarr li huwa kien lest li jaċċetta kull rwol li seta' jiġi offrut lilu, anki b'nofs is-salarju li kellu, u dan għaliex il-fatt li spiċċa mingħajr impjieg u kellu jmur jaħdem mill-ġdid il-Marokk, ġab ħafna tbatija fuqu u fuq familtu. Huwa aktar verosimili li meta l-operaturi l-ġodda tal-*casino* raw l-*overheads* li kien ser ikollhom sabiex ikunu jistgħu joperaw kif xtaqu, huma ħasbu fl-aħjar mod kif seta' jsir *cost-cutting* sabiex jiġu ffrankati s-salarji.

Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju ukoll mhux mistħoqq u tiċħdu.

*Is-sitt aggravju:* *ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi*

33. Is-soċjetà appellanta qalet li meta t-Tribunal issuġġerixxa li l-appellat seta' jinżamm fl-impjieg bħala *manager,* għamel dan is-suġġeriment mingħajr ma kkonsidra x-xogħol li seta' jsir mill-appellat. Qalet li f'dan il-każ japplika l-prinċipju ta' ħlas ugwali għal xogħol ugwali, u għalhekk ma setax ikollha sitwazzjoni fejn numru ta' *managers* kienu ser jintalbu jagħmlu l-istess xogħol, imma dawn jingħataw salarji differenti.

Il-Qorti tqis li permezz ta' dan l-aggravju, is-soċjetà appellanta donnha li qiegħda tgħid li l-unika raġuni għalfejn l-impjieg tal-appellat ġie tterminat kienet għaliex kien hemm ħaddiema oħra li ngħataw l-istess xogħol li kien

jagħmel hu, iżda bi ħlas inqas minn dak li kien jingħata lilu. Din l-asserzjoni waħedha ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-unika raġuni għalfejn ġie tterminat l-impjieg tal-appellat mas-soċjetà appellanta, kienet biex jiġu ffrankati l-flus, u ħaddiema oħra ġew promossi biex jimlew ir-rwol li kellu l-appellat fl-istruttura l-antika, b'salarju inqas.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-aggravji kollha tas-soċjetà appellanta u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**